# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 21**

**Citazzjoni numru 925/94LSO**

**Nazzarena Sciberras mart Carmel u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2012 l-atti ġew trasfużi f'isem Rita Gianetti u Editon Sciberras bħala eredi tal-mejta Nazzarena Sciberras; Victoria D'Amato mart Nazzareno; u l-istess Carmel Sciberras u Nazzareno D'Amato għal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Joseph Schembri**

PRELIMINARI

1. Dawn huma **żewġ appelli** mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2014 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili :

(i) wieħed huwa **APPELL PRINĊIPALI** ad istanza tal-konvenut

Joseph Schembri li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata:

> *"billi filwaqt li **tikkonfermaha** fejn ġew akkolti l-**ewwel, it-tieni, u r-raba'** talbiet attriċi, **tħassarha u tirrevokaha** in rigward tad-deċiżjoni mogħtija fil-każ tat-**tielet** talba attriċi, limitatament pero` għall-ordni li jsir il-bejgħ in liċitazzjoni tal-immobbli pertinenti, biex minflok issir id-diviżjoni effettiva ta' dawk l-immobbli, kif ukoll in rigward tad-deċiżjoni mogħtija fir-rigward tal-**ħames** talba attriċi, biex minflok ikun deċiż illi fid-dawl tal-imputazzjoni li għandha ssir kif ġie spjegat tal-valur tal-immobbli li l-atturi irċevew "inter vivos" b'titolu ta' donazzjoni u in oltre fid-dawl tal-valur tal-art retroposta għar-residenzi tal-istess atturi li ġie deċiż li tiġi assenjata lilhom, huma jiġu ordnati li jħallsu lill-esponent id-diskrepanza li tirriżulta bejn il-valur tal-leġittima lilhom spettanti u l-valur superjuri l jkunu qegħdin jirċievu għar-raġunijiet kollha suesposti. Qiegħed jiġi mitlub, konsegwenzjalment, illi din il-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni li ingħatat fil-każ tas-**sitt** talba attriċi.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati."*

(ii) l-ieħor huwa **APPELL INĊIDENTALI** ad istanza tal-attriċi appellata Victoria D'Amato li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata:

*"billi **tikkonfermaha** fejn ġiet akkolta t-**tieni** talba attriċi, u **tvarjaha** skont is-segwenti:*

*(a) fir-rigward tal-**ewwel** talba attriċi, limitatament billi tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Carmelo Schembri ma jinkludux il-porzjoni retroposta għall-fond residenzjali tal-esponenti u l-porzjoni ta' art maqsuma ossia sit*

*fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa f' Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, denominata Ta' Bubaqra tal-kejl superfiċjali ta' cirka mija u disa' qasab kwadri u ħdax il-ċenteżmu, b'faċċata ta' tliet qasab lineari fuq Saint Mary Street, Żurrieq;*

*(b) fir-rigward tat-**tielet** talba attriċi, tirrevokaha fejn ordnat li l-valur tal-plot retroposta għandu jitnaqqas mis-sehem leġittimarja tal-esponenti billi tiddikjara li din il-proprjeta` m'hijiex formanti parti mill-assi tal-ġenituri tal-kontendenti u tvarjaha fejn ordnat il-bejgħ in liċitazzjoni tenut kont dak mitlub f'paragrafu (d);*

*(c) fir-rigward tar-**raba'** talba attriċi, limitatament billi tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Carmelo Schembri ma jinkludux il-porzjoni retroposta għall-fond residenzjali tal-esponenti u l-porzjoni ta' art maqsuma ossia sit fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa f' Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, denominata Ta' Bubaqra tal-kejl superfiċjali ta' cirka mija u disa' qasab kwadri u ħdax il-ċenteżmu, b'faċċata ta' tliet qasab lineari fuq Saint Mary Street, Żurrieq;*

*(d) fir-rigward tal-**ħames** talba attriċi, limitatament billi tordna*

*li l-assenjazzjoni tal-leġittima ssir in natura mill-assi ereditarji tad-defunta Antonia Schembri, jew, sussidjarjament jitħallas mill-appellant, u dana fl-ammont ta' €18,440.87.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant".*

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Lulju 1994 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

"Illi fil-5 ta' Novembru 1990 miet Carmelo Schembri, missier il-konvenut u l-atturi Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato.

"Illi l-istess Carmelo Schembri halla l-ahhar testment tieghu, unica charta ma' martu Antonia fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tat-8 t'April 1982, li bih *oltre* l-uzufrutt lil martu, u prelegat favur ibnu l-konvenut Joseph Schembri ta sehemu mill-post numru 7, Triq San Leo, Zurrieq, innomina eredi tieghu, lit-tliet uliedu l-kontendenti Joseph Schembri, Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato.

"Illi fit-28 ta' Dicembru 1993 mietet Antonia armla ta' Carmelo Schembri, omm il-konvenut u l-atturi Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato.

"Illi l-imsemmija Antonia Schembri halliet l-ahhar testment taghha fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tal-1 ta' Novembru 1990 li bih wara li rrevokat it-testment precedenti taghha kollha, halliet lill-istanti Nazzarena mart Carmelo Sciberras u Victoria mart Nazzareno D'Amato, il-legittima lilhom spettanti skont il-ligi u nnominat bhala uniku werriet universali taghha lill-konvenut Joseph Schembri bis-sostituzzjoni ta' uliedu.

"Illi l-istess Joseph Schembri qed jirrifjuta li jersaq ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima spettanti lil hutu l-atturi Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato.

“Illi in forza ta' kuntratt, fl-atti tan-nutar Joseph Raphael Darmanin tas-6 ta' Dicembru 1990 kif korrett b'kuntratt iehor fl-atti tal-istess Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tal-5 ta’ Ottubru 1993, l-imsemmija Antonia Schembri tat u ttrasferiet b’titolu ta’ donazzjoni lill-konvenut Joseph Schembri (1) nofs id-diviz mid-dar bil-garaxx maghha, numru sbatax (17), fi Triq Santa Maria, Zurrieq; (ii) nofs indiviz mill-ghalqa fil-kuntrada ta' Bubaqra, fiz-Zurrieq, adjacenti ghall-post fuq imsemmi fi Triq Santa Maria, Zurrieq u accessibbli mill-istess fond, tal-kelj ta' cirka elf tliet mija u hamsa u tletin metru kwadru (1335 m.k.); (iii) nofs indiviz mill-ghalqa wkoll fil-kuntrada ta’ Bubaqra fiz-Zurrieq, fi triq gdida bla isem hdejn ic-cimiterju ta' San Leone, ghandha kejl ta’ cirka elfejn tliet mija u disghin metru kwadru (2390 m.k.) u nofs indiviz mir-razzett bla numru u bla isem fi Triq Santa Maria, Zurrieq.

“Illi l-imsemmija proprjetajiet moghtija b’donazzjoni mill-mejta Antonia Schembri, ghandhom jidhlu fl-assi taghha ghall-finijiet tal-kalkolu tal-legittima spettanti lill-atturi.

“Illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossiedu in komun mal-konvenut sehemhom mill-eredita` tal-genituri taghhom.

“Illi ghalhekk l-istess konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tillikwida l-assi ereditarju tal-mejjet Carmelo Schembri.

“2. Tiddividi l-istess assi ereditarju fi tliet porzjonijiet ugwali.

“3. Tassenja porzjon kull wiehed lill-atturi Nazzarena mart Carmelo Sciberras u Victoria mart Nazzareno D'Amato u lill-konvenut Joseph Schmebri.

“4. Tillikwida l-assi ereditarju tal-mejta Antonia armla ta' Carmelo Schembri; u

“5. Tillikwida u tassenja lill-atturi Nazzarena mart Carmelo Sciberras u Victoria mart Nazzareno D'Amato l-porzjoni rizervata lilhom bhala legittima skont il-ligi mill-assi ereditarju ta' ommhom Antonia Schembri.

“6. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun tal-imsemmija likwidazzjonijiet u divizjoni u assenjazzjoni tal-porzjonijiet u tal-legittima spettanti lill-kontendenti kif fuq inghad u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att opportun fil-jum, hin u post li jigu stabbiliti minn din il-Qorti.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru 1994.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Schembri datata 18 ta' Awwissu 1994 (fol 30) fejn espona : -

"1. Illi, riferibbilment ghall-assi ereditarju tal-mejjet Carmelo Schembri, l-eccipjent m'huwiex qed jopponi li ssir il-likwidazzjoni skont il-ligi, kif ukoll id-divizjoni, ta' dak l-assi.

"2. Illi, refirribbilment ghall-assi ereditarju tal-mejta Antonia armla ta' Carmelo Schembri, l-eccipjent fil-waqt li jirriserva espressament id-drittijiet tieghu konsegwenzjalment ghal accettazzjoni tal-wirt relattiv bil-beneficcju tal-inventarju, ukoll m'huwiex qed jopponi li ssir il-likwidazzjoni skont il-ligi ta' dak l-assi, b'mod illi jigu kalkolati d-debiti li jista' jkollu l-assi kompriz kull debitu li huwa dovut lill-istess eccipjent, ghall-iskop li tkun tista' ssir il-likwidazzjoni tal-porzjoni rizervata lill-atturi bhala legittima skont il-ligi.

"3. B' referenza ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fl-14 ta' Gunju 2004 a fol 158 tal-process; rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-istess Perit Tekniku pprezentata fit-13 ta' Jannar 2006 a fol 238 tal-process; u rat it-tielet relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti (fol 346).

"Rat ir-rikors ta' Rita Giannetti u Editon Sciberras datat 16 ta' Mejju 2012 a fol 543 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna sabiex *ai termini* tal-artikolu 806 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-atti tal-kawza jghaddu f' isem ir-rikorrenti Rita Giannetti u Editon Sciberras bhala eredi tal-mejta Nazzarena Sciberras u minflok l-istess Nazzarena Sciberras; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba kif jidher bid-digiret moghti fit-17 ta' Mejju 2012.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici Victoria D' Amato datata 3 ta' Dicembru 2012 a fol 557 tal-process.

"Rat is-surroga datata 17 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Joseph Schembri bi twegiba ghan-nota pprezentata mill-attrici Victoria D' Amato datata 15 ta' Marzu 2013 a fol 567 tal-process.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Rita Giannetti u Editon Sciberras datata 25 ta' Marzu 2013 a fol 577 tal-process.

"Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta tal-4 ta' Lulju 2013 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Josette Grech ghal Victoria D' Amato prezenti fl-Awla. Dehru wkoll Rita Giannetti l-attrici, assistita minn Dr. Pawlu Lia, u l-konvenut assistit minn Dr. John Vassallo. Trattazzjoni (*on tape*) ta' Dr. John Vassallo, Dr. Pawlu Lia u Dr. Josette Grech. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-punti rimanenti b' mod ezawrjenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2013; u rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn b' ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghat-30 ta' Jannar 2014.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Illi din il-kawza tirrigwarda l-assi ereditarju ta' Carmelo u Antonia, konjugi Schembri, il-genituri tal-kontendenti. L-atturi qed jitolbu sabiex fl-ewwel lok, jigu likwidati u divizi l-assi ereditarji ta' missier il-kontendenti fi tliet porzonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati lit-tliet ulied u, fit-tieni lok_li jigu likwidati l-assi ereditarji ta' omm il-kontendenti; u likwidata u assenjata lill-istess atturi l-legittima spettanti lilhom minn dan il-wirt.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Carmelo Schembri miet fil-5 ta' Novembru 1990 filwaqt li martu Antonia Schembri mietet fit-28 ta' Dicembru 1993. Huma kienu ddisponew mill-assi ereditarju taghhom permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tat-8 ta' April 1982 li permezz tieghu istitwew lit-tliet uliedhom bhala eredi universali fi kwoti indaqs bejniethom. Permezz ta' l-istess testment hallew b'titolu ta' prelegat in pjena proprjeta` lil binhom Joseph Schembri, id-dar bil-*garage* li jinfed mieghu numru sebgha (7) fi Triq San Leo, iz-Zurrieq. Matul hajjithom kienu assenjaw b'titolu ta' donazzjoni lil uliedhom Nazzarena mart Carmel Sciberras u Victoria mart Nazzareno D'Amato, iz-zewg atturi, rispettivament, porzjoni art kull wahda minnhom. Dan kollu bl-ezenzjoni lill-istess ulied mill-obbligazzjoni ta' kollazzjoni. *Inoltre* Il-partijiet kienu taw lil xulxin il-fakolta` li jbiddlu dan it-testment minghajr ma jinkorru fl-ebda penalita' komminata mil-ligi.

"B'testment in atti tan-Nutar Dr. Joseph Raphael Darmanin. tal-1 ta' Novembru 1990, Antonia Schembri hassret it-testmenti precedenti taghha u istitwiet lill-konvenut Joseph Schembri bhala l-eredi universali ta' gidha kollha. It-testatrici ddikjarat illi binha Joseph u martu Maria kienu l-unici minn uliedha li hadu hsieb u kura taghha tul l-ahhar hdax-il sena filwaqt li halliet liz-

zewg uliedha, l-atturi odjerni l-legittima lilhom spettanti skont il-Ligi. L-istess Antonia Schembri ddikjarat illi dan il-provvediment ghamlitu *stante* li dawn iz-zewg uliedha kienu ilhom mal-erba' (4) snin ma jzuruwha.

"**DONAZZJONI FAVUR JOSEPH SCHEMBRI : -**

"B'Att ta' donazzjoni maghmula nhar is-6 ta' Dicembru 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin (**Dok. D** – fol. 15), kif korrett b'att korrettorju tal-5 ta' Ottubru 1993 (**DOK E** - fol.21) Antonia Schembri, tat lil binha l-konvenut Joseph Schembri, in-nofs (1/2) indiviz tas-segwenti proprjetajiet:

"a. Id-dar numru 17, fi Triq Santa Marija, Zurrieq bil-garaxx anness maghha nkluz l-arja taghhom;

"b. L-ghalqa fiz-Zurrieq fil-kontrada ta' Bubaqra adjacenti ghall-post u *garage* hawn appena imsemmi, li fiha l-kejl ta' cirka elf tliet mija u hamsa u tletin metri kwadri (1335 m.k.) fil-prezent accessibbli mill-istess beni hawn appena imsemmi;

"c. L-ghalqa l-ohra mmarkata bl-ittra B fuq il-pjanta hawn annessa tal-kejl ta' cirka elfejn tliet mija u disghin metri kwadri (2390 m.k.).

"d. Ir-razzett, bla numru u bla isem fi Triq Santa Marija, Zurrieq.

"**DONAZZJONI FAVUR NAZZARENA SCIBERRAS**

"Nazzarena Sciberras irceviet minghand il-genituri taghha b'titolu ta' donazzjoni bicca art, formanti parti mill-ghalqa z-Zurrieq, Bubaqra denominata 'Ta' Wara Santa Maria' jew 'Ta' Bubaqra' b'faccata fuq Triq Santa Marija. Din il-proprjeta` kienet giet donata lill-attrici bil-valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200). (Kuntratt datat 27 ta' Awwissu 1972 (atti Nutar Nicola Said a fol 173).

"**DONAZZJONI FAVUR VICTORIA D'AMATO**

"Victoria D'Amato rceviet minghand il-genituri taghha b'titolu ta' donazzjoni minghand bicca art, moghtija lill-attrici Victoria D'Amato, formanti parti mill-ghalqa z-Zurrieq, Bubaqra denominata 'Ta' Wara Santa Maria' jew 'Ta' Bubaqra' b'faccata fuq Triq Santa Marija. Din il-proprjeta` kienet giet donata lill-attrici bil-valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200) (Kuntratt datat 23 ta' Awwissu 1972, (atti Nutar Nicola Said).

"**RIZULTANZI DWAR L-ASSI EREDITARJU**

“Carmelo Schembri kien premorjenti ghall-martu. Giet esebita d-denunzja *causa mortis* tieghu minn fejn jirrizulta li huwa kellu s-segwenti proprjeta` fid-data tal-mewt tieghu **(Dok. B** – fol. 11). Dawn kienu stmati *ai fini* tad-denunzja kif muri isfel. Madanakollu gew ukoll stmati mill-Espert Tekniku nominat f'din il-kawza skont kif jirrizulta hawn taht.

“**Assi Partikolari**:

“a. 1/7 mid-dar fiz-Zurrieq Triq Santa Marija. Post antik hafna mibni bix-xorok u fih hames kmamar.

“b. 1/7 mix-xaghra fiz-Zurrieq, Ta’ Wied Fulija, ta’ cirka erbat itmiem jew 4496.4 m.k. erbat elef erba’ mija u sitta u disghin punt erba’ metri kwadri, blat mikxuf hdejn barriera taz-zibel .

“Skont ir-rapport ta’ l-AIC Joseph Ellul Vincenti, a fol. 165 tal-process, din l-art tinsab vicin barriera taz-zibel. L-istess AIC Joseph Ellul Vincenti stmaha din l-art fl-intier taghha illum fl-ammont ta’ Lm7,550 u fi zmien l-apertura tas-successjoni tad-decujus fil-valur ta' Lm5,000. Ghalhekk skont il-valuri indikati mill-Perit Tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti dan is-sehem hu ta’ parti wahda minn sebgha (1/7) minn valur ta’ Lm7,550 jew ta’ Lm5,000.

“**Komunjoni tal-Akkwisti**:

“a. Dar numru 17, Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bil-garage anness maghha (residenza tad-decujus).

“Skont ir-rapport ta’ l-AIC Joseph Ellul Vincenti a fol. 162 “*Dan il-fond jikkonsisti f’garaxx li jesa' erba’ karozzi, stalla taz-ziemel fuq ix-xellug tal-garage. Fuq il-lemin tal-garage hemm id-dar numru 17, Triq Santa Marija, Bubaqra li tikkonsisti f’entrata, tarag u ambjent ta’ tarag ghal bejt, kamra fuq wara, kcina, w.c. u kamra zghira accessibbli minn bitha zghira*”. L-AIC Joseph Ellul Vincenti stma dan il-fond illum Lm50,000 u meta infethet is-successjoni tad-decujus stmah Lm20,000. Dan il-fond jikludi stalla u mandra li jinfdu mieghu.

“b. Ghalqa f’Bubaqra, Zurrieq li tmiss mad-dar fuq deskritta tal-kejl ta’ cirka elf tlett mija u hamsa u tletin metri kwadri (1335m.k).

“Skont ir-rapport ta’ l-AIC Joseph Ellul Vincenti a fol. 163 din l-ghalqa tinsab retroposta ghad-dar u *garage* numru 17, Triq Santa Marija, Zurrieq (para c) u hi art fabbrikabbli. L-istess AIC Joseph Ellul Vincenti stma din l-art illum Lm120,000 u fi zmien l-apertura tas-successjoni tad-decujus Lm30,000.

“c. Ghalqa fiz-Zurrieq, kontrada ta’ Bubaqra tal-kejl ta’ cirka elfejn tliet mija u disghin metri kwadri (2390 m.k.) fi Triq gdida ghada bla isem, hdejn ic-cimiterju ta’ San Leone Skont ir-rapport ta’ l-AIC Joseph Ellul Vincenti a fol. 164 tal-process, din l-ghalqa tinsab barra l-i*scheme* ta’ bini u ghalhekk hi art agrikola, ghalkemm ghandha faccata fuq triq progettata. L-istess AIC Joseph Ellul Vincenti stma din l-art illum Lm20,000 u fi zmien l-apertura tas-successjoni tad-decujus Lm6,000.

“d. Razzett fi Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bla numru u bla isem u fiha hames kmamar, delapidat hafna.

“**<u>Beni Mobbli</u>**

“**Assi Bankarji:** Mid-Denunzja tas-Successjoni tal-wirt ta' Carmelo Schembri jirrizulta li gew denunzjati zewg kontijiet bankarji rispettivament BOV Limited F.D. 7970040053 *due* 28/2/92, Zurrieq Branch fl-ammont ta' Lm1,000 u fil-Mid-Med Bank Limited F.D. L 280819 *due* 26/9/92, Zurrieq Branch ukoll fil-valur ta' Lm1,000.

“Jirrizulta mir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea[1] li ma tressqux provi rigward dawn id-depoziti u ghalhekk ma setax jghaddi biex jillikwida jew jiddividi dawn il-beni.

“**Ghamara, dehebijiet u l-vetturi proprjeta` tad-decujii konjugi Schembri.**

“Anke fir-rigward ta' dawn il-mobbli ma tressqux provi soddisfacjenti. Nazzarena Sciberras fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 1995 tghid illi fir-rigward tad-deheb, “*wara l-mewt ta’ ommi, il-konvenut fetah kaxxa mimlija deheb u qalli ‘hu li trid’ pero` jiena ma hadtx*”. L-attrici l-ohra Victoria D’Amato tghid fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 1995 – dwar din il-kwistjoni tad-deheb – illi madwar tliet (3) snin qabel ma xehdet il-konvenut kien ta lil binha nofs lira tad-deheb mid-deheb ta’ ommha. Dwar il-vettura tat-tip Ford Escort tghid illi din il-vettura kienet inghatat mill-konvenut lil binha. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-attrici Nazzarena Sciberras. Finalment ghar-rigward ta’ l-ghamara Nazzarena Sciberras tghid li hija taf li l-genituri taghha kellhom l-ghamara fil-fond 17, Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, izda ma tafx x’sar minnha. Prova dwar il-kontenut, numru u stat tal-mobbli ma hemmx u l-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta jghid li ma jistghu b'ebda mod jigu divizi.

“**Rapporti tal-Perit Tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti u l-Perit Legali Dr. Vincent Galea.**

[1] Pagna 13 u 14 tar-Rapport.

“Fil-kors tal-proceduri din il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lill-Perit Joseph Ellul Vincenti[2] sabiex jaghmel stimi tal-immobbli formanti parti mill-assi ereditarju u jiddividi l-istess skont ir-rispettivi sehem tal-partijiet, kif ukoll lil Dr. Vincent Galea, bhala perit legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici tenut in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

“**Ikkonsidrat** li b’digriet datat 14 ta’ Novembru 2003, (fol. 107 *et seq*) din l-Onorabbli Qorti, kif diversament ippreseduta, iddecidiet li *“l-istima tal-valur tad-donazzjonijiet in dizamina ghandha tkun b’referenza ghaz-zmien tal-apertura tas-successjoni tad-decujus*”.

“**DRITT**

“Illi d-dritt ghall-legittima (**artikolu 615 tal-Kap. 16)** huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa’ haj. Is-sehem tal-legittima f’dan il-kaz huwa ta’ terz (1/3) tal-valur tal-beni tad-*decujus* u dan peress illi f’dan il-kaz ‘l ulied huma tlieta u ghalhekk jispetta lill-atturi porzjon ta' nofs (1/2) minn terz (1/3) (cioe` 1/6) tal-assi ereditarju ta ' ommhom (**artikolu 616 tal-Kap.16**).

“Kif jghid ***Torrente*** "*Manuale del Diritto Civile Italiano"*[3]

> "*Per determinare l'ammontare della quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere :*
>
> *“a) alla formazione della massa di tutti i beni che appartenevano al defunto all'epoca della sua morte;*
>
> *“b) alla detrazione dei debiti;*
>
> *“c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."*

“Jghid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia "si calcolano i valori dei veni che appartenevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir-relictum - cio che e' stato lasciato). Dalla somma stess si detraggono i debiti....Al risultato cosi' ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposo in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione.Sull'asse cosi' formato si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)".*

[2] Digriet tal-11 ta’ Dicembru 2000
[3] pp.934 et seq.

“Illi sabiex din il-Qorti tasal ghall-komputazzjoni tal-legittima jehtieg illi fl-ewwel lok jigu kkunsidrati zewg punti ta’ natura legali, u cioe’, jekk il-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur tal-patrimonju tad-*decujus* fil-waqt ta’ mewtu, jew ahjar fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, jew inkella l-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur taz-zmien tal-likwidazzjoni tal-legittima nnifisha; u jekk il-legittima ghandhiex tithallas *in natura* jew inkella fi flus.

“Illi l-principji gwida gew riassunti mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "***Emilia Maria sive Mollie Mifsud -v- Eleonore sive Nellie Mizzi et."*** - deciza fl-14 ta' Dicembru 1973. F'dik il-kawza, il-Qorti kkunsidrat li "*in sustanza, l-kontestazzjoni hija impernjata fuq il-valur tal-beni fil-mument tal-apertura tas-successjoni tal-awtrici komui, u mhux fuq il-valur taz-zmien li fih issir il-likwidazzjoni tal-legittima."* ..."*F'materja ta' natura ta' likwidazzjoni u mod ta' pagament ta' legittima' invero giusta la legge patria la legittima e' solo una porzione dei beni del defunto, e non gia ' parte di una eredita' Essa e' dovuta al legittimario in natura ma...questa non e costituita sopra alcua particolare cosa certa e determinata, bense' sopra tutto quanto il patrimonio ereditario; talche essa viene soddisfatta dopo la liquidazione di detto patrionio con l'asegnazione in natura di tanti beni quanto equivalgono all'importo della legittima come liquidata."* (**Kollezz.XXXIIII.II.484**).

“Ghaldaqstant l-atturi li ghandhom id-dritt ghall-porzjoni ta' beni in natura, bhala legittimarji, ghandhom ipprelevaw mill-assi ereditarju li kien hemm fl-apertura tas-succezzjoni is-sehem lilhom spettanti skont il-Ligi.

“Fil-kaz in disami, it-testatrici ddisponiet mill-assi kollha taghha *inter vivos* permezz ta' donazzjoni lil binha, l-intimat. Ghalhekk *ai fini* tal-komputazzjoni tal-legittima, l-assi ereditarju ghandhom jigu rikostitwiti.

“Din il-konsiderazzjoni hija essenzjali ghaliex kif gie ben spjegat fis-sentenza fuq riferita ddistingwiet bejn dawk il-kazi fejn l-istima tal-beni komponenti l-legittima ghandhom isiru skont il-valur taghhom fl-epoka tal-apertura tas-successjoni, u dawk il-kazijiet fejn l-istima ssir fil-mument meta tintalab il-likwidazzjoni. L-ewwel ipotesi ghandu japplika fejn id-divizjoni ssir bis-sahha tat-testment fejn id-decujus ikun halla li l-legittima tigi stabbilita fuq certi u determinati beni ad.ez. fejn it-testatur kien assenja l-patrimonju immobbiljari u rriserva ghall-legittimarju l- *patrimonio* immobiljari. "*Ghalhekk mhux il-kaz li jistghu japplikaw ghal dik il-parti tal-assi hekk segregata, il-principji tal-komunjoni tal-beni."* F'dan it-tieni kaz, "*il-kwota tal-beni spettanti lill-legittimarju tibqa' konfuza fl-indivizibbilta' taghha tal-patrimonju tal-eredi u ssir certa u determinata* <u>*biss*</u> *(enfasi ta' din il-Qorti) fil-mument tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni taghha."* F'tali kaz japplikaw il-

principji li jirregolaw il-komunjoni tal-beni, inkluz sehem mill-frutti tal-beni li jikkomponu l-legittima mill-apertura tas-successjoni (**Kollezz XXXIV.II.568**), jew is-sehem mill-prezz tas-suq li l-fond igib f'licitazzjoni fejn il-wirt jikkonsisti f'fond uniku, skont il-valur prevalenti fiz-zmien tal-bejgh, (Ara ad.ez. "***Giuseppe Sammut v Grazia Refalo et"*** - App.Civ - dec. fit-30 ta' Gunju 1954 - **Kollezz. XXXVIII.II.511**). F'dawn ic-cirkostanzi, "*il-kwota spettanti lill-legittimarju m'ghandhiex tigi stmata skont il-valur taghha fl-epoka tal-apertura tas-successjoni...sakemm il-legittimarju jibqa' in komuni fil-beni ereditarju mal-eredi m'ghandux isofri disparita` ta' trattament ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-beni komuni ..."*

"Ghalhekk il-Qorti tal-Appell fil-kaz ***Mifsud v Mizzi*** fuq citat *in extenso* ikkonkludiet li "*l-patrimonju ereditarju sakemm ma tigix segregata l-legittima, huwa uniku u inseparabbli mill-beni li jifformaw il-legittima ghaliex il-kuncett unitarju jifforma l-isem guridiku tal-eredita`....u l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attrici bhala legittima ghandha ssir skont il-valur taghhom fis-suq tallum u mhux dak prevalenti fl-epoka tal-apertura tas-successjoni."*

"Fil-kaz fl-ismijiet ***"Concetta Vella et v Giuseppe Bugeja et."*** (App.Civ. - dec. fl-10 ta' Dicembru 1973) il-Qorti kkonsidrat li l-eredi kienu assenjaw parti mill-assi ereditarju lill-terzi u ghalhekk f'dan il-kaz kien gust li l-valur li kellu jittiehed in konsiderazzjoni *ai fini* tal-komputazzjoni tal-legittima kien dak tas-suq korrenti ghaliex "*kieku l-eredi ma bieghux l-imsemmija fondi l-legittimarji kienu jkunu jistghu, skont il-ligi, jiehdu l-parti taghhom in natura billi l-legittima hija s-ehem mill-beni tal-mejjet."* U kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz re "***Farrugia v Mintoff"*** (Kollez.XXXIII.I.pg 475) "*Il-legittimarju ghandu jiehu dik il-porzjoni tal-beni mill-patrimonju tad-decujus u ghalhekk ghandu jsib il-patrimonju kif hallieh id-decujus."*

"Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mary Anne Zammit et vs Antonia u Bernarda ahwa Ellul"** moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 fejn gie segwiet dak li nghad fis-sentenzi surriferiti : -

> *"...ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' kompitu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' referiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezzjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirrapporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-*

> *kollazzjoni....*" (enfasi ta' dik il-Qorti)..." Fl-istess sentenza, dik il-Qorti izda, kompliet hekk:
>
> "*Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe` z-zmien 'l iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.*"

"Illi b'referenza ghat-tieni punt illi din il-Qorti thoss illi ghandha tikkunsidra u cioe` dwar jekk il-legittimarja ghandhiex tinghata s-sehem taghha *in natura* jew inkella fi flus kontanti, u wkoll b'zieda ma' dak illi nghad iktar 'il fuq fuq l-ewwel punt, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza hawn citata **"Zammit vs Ellul"** fejn irriteniet illi:-

> *"... il-likwidazzjoni li idealment tinvolvi l-assenjazzjoni lill-atturi tal-kwota legittimarja lilhom spettanti mill-beni ereditarji nkluzi l-immobbli trid bilfors issir fuq il-valuri llum korrenti b'mod li hekk inhuma ma jigux assenjati mmobbli jridu jigu assenjati valur li jirrifletti l-valur ta' dawk l-immobbli llum fid-data li qed tigi llikwidata l-legittima dovuta. Ghalhekk ...dik il-valutazzjoni trid issir bl-ghan li jigi assenjat lilhom sakemm possibbli sehem minn dawk l-immobbli in natura u in difett valur kongruwu biex jaghmel tajjeb ghal dak is-sehem u ghalhekk bil-fors trid tirrifletti l-valur li jottjenu llum."*

"Illi kif inghad allura f'dan il-kaz dan ifisser li fejn l-oggetti huma soggetti ghall-konvenju, il-valur tal-immobbli hemm suggetti huwa dak indikat fil-konvenji relattivi, u fil-kaz ta' immobbli moghtija b'cens, il-valur huwa dak tac-cens kapitallizat skont l-**artikolu 1501 (2) tal-Kap. 16.** L-oggetti l-ohra mhux soggetti ghall-konvenju ghandhom jigu valutati skont il-valur taghhom tallum skont kif indikat fis-sentenza **"Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et"** (P.A. (JRM) – 1 ta' Marzu 2004). Dan anke fid-dawl ta' dak ritenut fis-sentenza **"Emilia Mifsud et Eleonora Mizzi et"** (A.C. – 14 ta' Dicembru 1973) fejn il-valur tal-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet trid tinhadem fuq il-valur tal-wirt kollu konsiderati l-assi u wara li jitnaqqsu l-ispejjez.

"**Likwidazzjoni tal-Assi mill-Perit Legali bbazati fuq il-valuri stmati mill-Perit Tekniku.**

"Fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-assi segwenti formanti parti mill-assi ereditarju ta' Carmel Schembri ghandhom jigu divizi fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed u wahda minnhom bejn l-istess kontendenti f'din il-kawza u dan skont ma ntalab fl-ewwel talba.

Peress li Nazzarena Sciberras mietet fil-mori, sehemha ta' terz (1/3) jigi diviz u assenjat fi kwoti ndaqs bejniethom lil uliedha Rita Giannetti u Editon Sciberras.

“**I LIKWIDAZZJONI TAL-ASSI TA' CARMEL SCHEMBRI :**

“L-assi ta' Carmel Schembri jikkonsistu fis-segwenti:-

“a. 1/7 mid-dar fiz-Zurrieq Triq Santa Marija.

“b. 1/7 mix-xaghra fiz-Zurrieq, Ta’ Wied Fulija, ta’ cirka erbat itmiem jew 4496.4 m.k. erbat elef erba’ mija u sitta u disghin punt erba’ metri kwadri.

“c. ½ indiviz mid-dar numru 17, Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bil-*garage* anness maghha.

“d. ½ indiviz tal-ghalqa f’Bubaqra, Zurrieq u tmiss mad-dar fuq deskritta tal-kejl ta’ cirka elf tliet mija u hamsa u tletin metri kwadri (1335m.k.).

“e. ½ indiviz ta’ l-ghalqa fiz-Zurrieq, kontrada ta’ Bubaqra tal-kejl ta’ cirka elfejn tliet mija u disghin metri kwadri (2390m.k.) fi Triq gdida ghadha bla isem, hdejn ic-cimiterju ta’ San Leone.

“f. ½ indiviz ta’ razzett fi Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bla numru u bla isem u fiha hames kmamar, delapidat hafna. Din il-proprjeta` hija dik indikata fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Gunju 1991 fl-ismijiet "***Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et***."

“g. ½ indiviz ta’ bicca art li tinsab fuq wara tar-residenzi tal-atturi Victoria D’Amato u Nazzarena Sciberras. Din l-art giet indikata bl-ittri **BCDEFIB** fir-rapport tal-Perit J. Ellul Vincenti u giet valutata, fl-*intier*, fl-ammont ta’ Lm10,000. Nofs dan l-ammont jigi Lm5,000 ossia €11,646.87.

“h. ½ indiviz tal-kont numru 7970040053 mizmum mal-Bank of Valletta p.l.c. gewwa l-fergha tal-Bank fiz-Zurrieq.

“i. ½ indiviz tal-kont numru L 280819 mimzum mal-Mid-Med Bank Limited illum HSBC Bank Malta plc gewwa l-fergha tal-bank fiz-Zurrieq.

“j. ½ indiviz tal-assi mobbiljari tad-decujus Carmelo Schembri u cioe` ½ indiviz tal-ghamara, dehebijiet u vetturi.

“k. Porzjoni art sitwata wara r-residenzi tal-atturi:

“Dwar il-konsistenza ta' dawn l-assi ma kien hemm l-ebda kuntrast bejn il-partijiet. Madanakollu l-perit legali kkonkluda li l-assi ereditarju tal-konjugi Schembri jinkludi wkoll bicca art li tinsab fuq wara tar-residenzi tal-atturi Victoria D’Amato u Nazzarena Sciberras.

“Din l-art giet indikata **bl-ittri BCDEFIB** fir-rapport tal-Perit J. Ellul Vincenti (fol 348) u giet valutata, fl-*intier*, fl-ammont ta’ Lm10,000.

“Jirrizulta li meta sar il-kejl taz-zewg porzjonijiet art okkupati mir-residenzi rispettivi tal-atturi, hareg li l-kejl tal-art moghtija b'donazzjoni rizultanti miz-zewg kuntratti in atti n-Nutar Dottor Nicola Said kien ferm inferjuri ghall-art fattwalment okkupata. Dan wassal lill-konvenut biex isostni li l-art in eccess ma kienx jifforma parti mill-art moghti b'donazzjoni u li l-okkupazzjoni tal-atturi kienet wahda abbuziva.

“Jirrizulta mill-kuntratti ta' donazzjoni li l-atturi kienu bdew jokkupaw il-fondi *de facto* bosta snin qabel ma gew ippubblikati l-kuntratti rispettivi u gew esebiti wkoll permessi mahrugin ghall-bini. Huma isostnu li peress li l-fondi kienu gja mibnijin meta gew ippubblikati l-kuntratti, kulhadd kien jaf x'kien hemm peress li l-fondi kienu mibnija, u ghalhekk kien car li l-kejl inferjuri kien indikat bi zball u mhux intenzjonalment. *Inoltre* jghidu li akkwistaw titlu ghal dan l-eccess bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' ghaxar snin (10) (*in bona fede)* u sahansitra permezz tal-preskrizzjoni estintiva ta' tletin sena (30) li ma tirrikjedix il- *bona fede*. Jghidu li l-konvenut missu ssolleva kontro-talba biex l-okkupazzjoni taghhom tigi ddikjarata illegali - haga li m'ghamilx. Il-konvenut da parti tieghu jistrieh fuq il-kejl imfisser fil-kuntratt. Jghid illi l-atturi approprjaw ruhhom minn art aktar milli kienet giet donata lilhom.

“Il-Perit Legali rraporta hekk: - *"Issa, skont ma jirrizulta mill-kuntratt ta’ donazzjoni datat 27 ta’ Awwissu 1972, atti Nutar Nicola Said, l-attrici Nazzarena Sciberras inghatat porzjoni maqsuma fabbrikabbli formanti parti mill-ghalqa z-Zurrieq, Bubaqra, denominata ‘Ta’ Wara Santa Maria’ jew ‘Ta’ Bubaqra’ tal-kejl superficjali din il-porzjoni ta’ cirka tlieta u sebghin qasba kwadra b’cirka sitt qasab lineari faccata fuq Saint Mary Street*”. “Dwar il-kejl ta’ din il-proprjeta`, l-AIC Joseph Ellul Vincenti jghid illi dan il-fond fih kejl ta’ hamsa u erbghin pied faccata b’fond ta’ cirka mija u ghoxrin pied u cioe` 6.545 qasab faccata u area ta’ 114.5 qasab kwadri (ara fol. 160).

“Fil-konfront ta’ l-attrici l-ohra Victoria D’Amato, skont ma jirrizulta mill-kuntratt ta’ donazzjoni datat 23 ta’ Awwissu 1972, atti Nutar Nicola Said, l-attrici Victoria D’Amato inghatat “*porzjoni maqsuma mill-ghalqa iz-Zurrieq, f’Bubaqra denominata ‘Ta*

*Wara Santa Maria' sive 'Ta' Bubaqra' tal-kejl superficjali ta' madwar tlieta u sebghin qasba kwadra b'cirka sitt qasab lineari faccata fuq Saint Mary Street* ". L-AIC Joseph Ellul Vincenti jghid fir-rapport tieghu illi "*Fil-fatt dan il-plot ghandu faccata ta' hamsa u erbghin pied u kejl superficjali ta' 114.15 qasab kwadri*" (fol. 161). L-art li nghatat lill-atturi kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il- genituri taghhom. "

"L-istess Perit Legali ikkonkluda li: Ghandu jirrizulta ghalhekk li dak li qieghed jghid il-konvenut ghandu mis-sewwa u cioe` li hutu l-atturi hadu izjed milli kienu inghataw bl-imsemmija kuntratti ta' donazzjoni. Iffisser dan li dik l-art zejda ghadha tifforma parti mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri tal-kontendenti u ghandha tigi likwidata u diviza. Nofs din il-proprjeta` – u cioe` sehem missierhom – ghandha tigi diviza bejniethom it-tlieta, filwaqt li ghar-rimanenti nofs, l-atturi ghandhom id-dritt jiehdu l-legittima fuqha.

"Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni. Id-diskrepanza konstatata mill-Perit Tekniku hija kbira wisq biex tigi klassifikata bhala semplici "*zball*". *Inoltre* l-kliem testwali tal-kuntratt huma cari bizzejjed li ma jippermettux lill-Qorti taghmel indagni dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-kunsens (art 1003 Kap.16). L-argumenti ssollevati mill-abbli difensuri tal-atturi ghandhom posthom fi proceduri petitorji li jesorbitaw minn dan l-indagni. Il-Qorti ma tirravisa l-ebda inekwivocita' jew nuqqas ta' kjarezza fil-kuntratti ta' donazzjoni in ezami li huma l-ahjar prova tal-kontenut taghhom. B'rizultat ta' dan taghmel taghha l-konkluzjoni tal-Perit Legali li "*dik l-art zejda ghadha tifforma parti mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri tal-kontendenti u ghandha tigi likwidata u diviza. Nofs din il-proprjeta` – u cioe` sehem missierhom – ghandha tigi diviza bejniethom it-tlieta, filwaqt li ghar-rimanenti nofs, l-atturi ghandhom id-dritt jiehdu l-legittima fuqha*."

"**Il LIKWIDAZZJONI TAL-ASSI EREDITARJU TA' ANTONIA SCHEMBRI SABIEX TIGI STABBILITA L-LEGITTIMA DOVUTA LILHOM SKONT IL-LIGI MILL-ISTESS ASSI EREDITARJI**

"Donazzjonijiet bl-istimi relattivi fil-mument tal-apertura tas-successjoni:-

"1. 1/2 Bicca art moghtija b'donazzjoni lil Victoria D'Amato - Lm5,000

"2. 1/2 Bicca art moghtija b'donazzjoni lil Nazzarena Sciberras - Lm5,000

"3. 1/2 is-segwenti beni moghtija b'donazzjoni lil Joseph Schembri :-

"i. 17 Triq Santa Marija Zurrieq - Lm10,000
"ii. ghalqa tal-kejl 1335 m.k. - Lm15,000
"iii. ghalqa tal-kejl ta' circa 2390m.k. - Lm 6,000
"iv.Ir-razzett bla numru u bla isem fi triq Santa Marija,
"Zurrieq - Lm 7,500

"4. 1/2 indiviz tal-art retropost ghar-residenza tal-atturi (BCDEFIB) - Lm10,000

"5. 1/2 indiviz tal-kont numru 7970040053 mizmum "mal-Bank of Valletta p.l.c. gewwa l-fergha tal-Bank fiz-"Zurrieq - Lm1,000

"6. 1/2 indiviz tal-kont numru L 280819 mimzum mal-"Mid-Med Bank Limited - Lm1,000

"7. 1/2 indiviz tal-assi mobbiljari tad-decuja Antonia "Schembri u cioe` 1/2 indiviz tal-ghamara, dehebijiet u "vetturi.

"Skont l-ezitu ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et.***[4] istitwita mill-genituri tal-kontendenti gie deciz li r-razzett baqa' fil-proprjeta' tal-atturi u ghalhekk jirrizulta car li dan ir-razzett ghadu jifforma parti mill-wirt ereditarju taghhom. Din il-Qorti taqbel ghalhekk mal-konkluzjoni tal-Peit Legali li din il-proprjeta` ghandha tkun inkluza mal-assi ereditarju *ai fini* tal-komputazzjoni tal-legittima.

"Din il-konkluzjoni giet ikkontestata izda l-Qorti taghmel riferenza ghat-twegibiet maghmula mill-Perit Legali in eskussjoni fejn spjega l-pozizzjoni tieghu, liema pozizzjoni hija kondiviza minn din il-Qorti.

"**III KONTESTAZZJONI DWAR L-ISTEJJEM MAGHMULA MILL-PERIT TEKNIKU**

"Il-valuri mahruga mill-Perit Tekniku gew ikkontestati in kwantu li huma konservattivi wisq. Izda ghal dawn ma kien hemm l-ebda talba ghall-hatra ta' periti perizjuri. Il-Qorti hija ben koxjenti li meta *si tratta* ta' materja teknika, l-konkluzjonijiet tal-espert taghha m'ghandhomx jigu skartati facilment.

"Fil-kaz odjern ghalhekk, l-ilment generiku li l-istimi huma baxxi wisq minghajr prova jew punt ta' riferenza li tista' sservi ta' gwida ghall-Qorti sabiex l-istimi maghmula jkunu imqabbla ma' stimi reali huwa vag u certament mhux bizzejjed biex ixejjen dak li kkonkluda l-Perit fid-diversi rapporti li rrediga fuq direzzjoni tal-Qorti.

"L-uniku punt fejn din il-Qorti tista' issib konvergenza mal-lanjanza tal-atturi tirrigwarda l-art tal-kejl ta' 1335 metri kwadri.

[4] Sentenza a fol 328 tal-process.

Difatti jirrizulta mill-atti li l-konvenut iffirma konvenju fis-17 ta' Ottubru 2005 ghall-bejgh ta' sehemu mill-istess (1/6 + 1/2) ghall-prezz ta' Lm400 ghal kull metru kwadru ta' art fabbrikabbli u li tista' tinbena taht l-iskema tal-bini (fol 296 *et seq*).

"Skont ir-rapport tal-AIC Joseph Ellul Vincenti a fol. 163 din l-ghalqa tinsab retroposta ghad-dar u *garage* numru 17, Triq Santa Marija, Zurrieq (para c) u hi art fabbrikabbli. L-istess AIC Joseph Ellul Vincenti stma din l-art illum Lm120,000 u fi zmien l-apertura tas-successjoni tad-decujus Lm30,000.

"L-atturi ghandhom sehem indiviz minn din il-porzjoni li pperveniet lilhom mill-assi ereditarju ta' missierhom Carmelo Schembri u ghalhekk ghandhom jibbenefikaw mill-valur attwali ta' din l-art skont il-principji generali li jirregolaw il-komunjoni tal-beni. Dan effettivament ifisser li l-valur tieghu huwa dak li gie ddikjarat fil-konvenji relattivi bil-konsegwenza li l-ghalqa ghandha valur ta' Lm534,000 ghall-*intier*. Dan jiddependi fuq il-fatt jekk il-konvenju ghadux vigenti ghaliex, *stante* l-Qorti ser tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-assi ereditarju ta' Carmelo Schembri, il-valur ta' din il-porzjoni ta' art, altrimenti, johrog mill-valur li ghandu jsir minn perit nominat *ai fini* ta' dawk il-proceduri.

"Madanakollu *ai fini* tal-komputazzjoni tal-kwota dovuta lill-legittimarji mis-sehem ta' ommhom, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jittiehed il-valur tal-ghalqa fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni skont ir-regoli fuq citati u cioe' Lm30,000 ghall-*intier* (Lm15,000 ghan-nofs indiviz).

"**IV KONKLUZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI SKONT L-ISTIMI MAGHMULA MILL-PERIT TEKNIKU U FID-DAWL TAL-KONSIDERAZZJONIJIET FUQ SPJEGATI**

"Din il-Qorti fliet bir-reqqa il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u ma tarax ghalfejn ghandu ikun hemm varjazzjoni.

"**V KOMPUTAZZJONI TAL-LEGITTIMA**

"*Ai fini* ta' kjarezza qed jigi riprodott parti mir-rapport li jghid hekk:

"*Illi ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni dak li gie spjegat hawn aktar 'il fuq, ghar-rigward tal-ewwel tliet talbiet attrici (dawk li ghandhom x'jaqsmu mad-divizjoni tal-assi ereditarji ta' Carmelo Schembri) qieghed jigi dikjarat li:*

***"A. fir-rigward tal-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Schembri u cioe:***

*"i. 1/7 mid-dar fiz-Zurrieq Triq Santa Marija. Din giet stmata Lm420 (illum €978.34).*

*"ii. 1/7 mix-xaghra fiz-Zurrieq, Ta' Wied Fulija, ta' cirka erbat itmiem jew 4496.4 m.k. erbat elef erba' mija u sitta u disghin punt erba' metri kwadri, blat mikxuf hdejn barriera taz-zibel (pjanta dokument A). Din giet stmata Lm100 (illum €232.94).*

"**It-tliet kontendenti ghandhom ikollhom sehem missierhom diviz ugwalment bejniethom biex b'hekk huma jigu partecipi ugwali f'kull divizjoni futura li tista' issir ghal dawn l-ishma.**

"Madanakollu peress li dawn huma biss porzjoijiet indivizi ma' terzi, l-Qorti mhiex ser tordna il-bejgh in licitazzjoni ta' dan is-sehem parafernali ghad-decujus.

***"A. fir-rigward tal-assi tal-komunjoni tal-mejjet Carmelo Schembri u cioe`:***

*"i. ½ indiviz mid-dar numru 17, Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bil-garage anness maghha fil-valur tal-lum ta' dan il-fond, fl-intier, huwa ta' Lm50,000 (fol. 163). Nofs dan l-ammont jigi* ***Lm25,000 ossia €58,234.33.***

*"ii. ½ indiviz tal-ghalqa f'Bubaqra, Zurrieq u tmiss mad-dar fuq deskritta tal-kejl ta' cirka elf tliet mija u hamsa u tletin metri kwadri (1335m.k.). Dan hu stmat mill-Perit Ellul Vincenti fil-valur tallum ta' Lm120,000 ghall-intier izda s-sehem tal-atturi bhala ko-eredi ghandu jigi rifless fil-valur tallum rizultanti mill-konvenji u cioe` ta' Lm237,000 ghan-nofs(1/2) indiviz formanti parti mill-assi tal-mejjet Carmelo Schembri.*

*"iii. ½ indiviz tal-ghalqa fiz-Zurrieq, kontrada ta' Bubaqra tal-kejl ta' cirka elfejn tliet mija u disghin metri kwadri (2390m.k.) fi Triq gdida ghadha bla isem, hdejn ic-cimiterju ta' San Leone. Skont il-Perit J. Ellul Vincenti, il-valur tallum ta' dan il-fond, fl-intier,* ***huwa ta' Lm20,000 (fol. 164). Nofs dan l-ammont jigi Lm10,000 ossia €23,293.73.***

*"iv. ½ indiviz ta' razzett fi Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, bla numru u bla isem u fiha hames kmamar, delapidat hafna. Din il-proprjeta` hija dik indikata fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Gunju 1991 fl-ismijiet Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et. Skont il-Perit J. Ellul Vincenti, il-valur tallum ta' dan il-fond, fl-intier,* ***huwa ta' Lm35,000 (fol. 162). Nofs dan l-ammont jigi Lm17,500 ossia €40,764.03.***

*½ indiviz ta' bicca art li tinsab fuq wara tar-residenzi ta' l-atturi Victoria D'Amato u Nazzarena Sciberras u dan kif ahjar spjegat*

*aktar 'l isfel f'din ir-relazzjoni (paragrafi 17 sa 20). Din l-art giet indikata bl-ittri BCDEFIB fir-rapport tal-Perit J. Ellul Vincenti u giet valutata, fl-intier, fl-ammont ta'* ***Lm10,000. Nofs dan l-ammont jigi Lm5,000 ossia €11,646.87.***

***"It-tliet kontendenti ghandhom sehem ugwali u cioe` terz kull wiehed u wahda minnhom mill-wirt ta' missierhom.***

*"1. Ghar-rigward taz-zewg kontijiet bankarji (Bank of Valletta 7970040053 u HSBC Bank Malta p.l.c. L280819) u ghar-rigward tal-oggetti mobbiljari, inkluz l-ghamara, d-deheb u l-vetturi, sehem Carmelo Schembri wkoll ghandu jigi diviz bejn tlieta. B'dan illi galadarba ma tressqux provi mill-partijiet jekk dawn il-kontijiet/oggetti ghadhomx jezistu llum, qieghed jigi riservat id-dritt tal-atturi li jressqu dan l-ilment f'gudizzju iehor separat.*

"**VI - LEGITTIMA**

*"1. Fir-rigward tal-legittima spettanti lill-atturi minn sehem il-mejta Antonia Schembri l-assi patrimonjali taghha – salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel dwar iz-zewg kontijiet bankarji u l-oggetti mobbiljari fosthom l-ghamara, id-deheb u l-vetturi – kellu valur skont il-Perit Legali, fl-ammont ta' Lm35,500 ossia €82,692.76 li flimkien ma' nofs il-valur tal-plot li tinsab fuq wara tal-proprjetajiet tal-atturi u cioe Lm5,000 ossia €11,646.87 (ara paragrafu 23(a) ta' din ir-relazzjoni) iggib is-somma globali ta' €94,339.63.* ***Hija fuq din ic-cifra li trid tinhadem il-legittima spettanti lill-atturi****.*

*"2. F'dan il-kaz, in-numru ta' 'l ulied huwa ta' tlieta (3) u ghalhekk il-legittima li tmiss lill-atturi ghandha tkun ta' terz tal-valur tal-beni biex b'hekk din tinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu. Ghalhekk il-legittima tinhadem hekk:*

*"1/3 x €94,339.63/3 = €31,446.54 /2 cioe`: €15,723.27 (Lm6,750)*

***"B'hekk il-legittima spettanti lill-atturi hija ta' €15,723.27*** a favur ta' Rita Giannetti u Editon Sciberras bhala werrieta tad-decujus Nazzarena Sciberras u ***€15,723.27*** *(Lm6,750)* a favur ta' Victoria D'Amato.

*"3. L-istess haga kif inghad fil-paragrafu 26 tar-relazzjoni tal-perit, fir-rigward taz-zewg kontijiet bankarji (Bank of Valletta 7970040053 u HSBC Bank Malta p.l.c. L280819) u ghar-rigward tal-oggetti mobbiljari, inkluz l-ghamara, id-deheb u l-vetturi, l-atturi ghandu jkollhom id-dritt ta' legittima fuqhom ukoll. B'dan illi galadarba ma tressqux provi mill-partijiet jekk dawn il-kontijiet/oggetti ghadhomx jezistu llum, qieghed jigi riservat id-dritt tal-atturi li jressqu dan l-ilment f'gudizzju iehor separat."*

“Dawn il-kostatazzjonijiet qed jigu addottati minn din il-Qorti bhala parti integrali mid-decizjoni taghha rigward il-komputazzjoni tal-legittima spettanti lill-atturi.

“**VII ASSENJAZZJONI TA' SEHEM MILL-GID TAD-DECUJUS IN SODDISFAZZJON TAL-LEGITTIMA**

“Kif osserva tajjeb il-Perit Legali, din il-kawza inbdiet qabel ma dahlu l-emendi tas-sena 2004 u allura l-legittima tista' tinghata wkoll permezz ta’ assenjazzjoni ta’ sehem mill-gid tal-mejta Antonia Schembri (**ara art. 615 tal-Kap. 16** qabel ma gie sostitwit fis-sena 2004).

“Il-Qorti fliet ir-rapport bir-reqqa u rat il-konkluzjonjiet tal-istess Perit Legali rapportati a fol. 509 sa 512 tal-process, li tikkondividihom u ser taddottahom *ai fini* tas-sentenza taghha sa fejn huma kompatibbli mas-sentenza taghha.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat in kwantu li huma inkompattibbli mat-talbiet, **tilqa'** t-talbiet attrici billi: -

“1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara l-assi ereditarju tal-mejjet Carmelo Schembri huma dawk elenkati f'din is-sentenza taht il-partita intestata *"Il-LIKWIDAZZJONI TAL-ASSI TA' CARMEL SCHEMBRI."*

“2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddividi l-istess assi ereditarju fi tliet porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati lil Victoria D'Amato kwantu ghall-terz (1/3), lil Rita Giannetti u Editon Sciberras kwantu ghall-terz (1/3) bejniethom, u lill-konvenut Joseph Schembri kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) bir-riserva ghad-dritt tal-kontendenti li jiddividu l-kontijiet u oggetti mobbli f'gudizzju separat ghar-ragunijiet spjegati f'din is-sentenza.

“3. **Tilqa' it-tielet talba** u billi l-assi mhumiex komodament divisibbli taddotta fl-*intier* ir-rakkommandazzjoni tal-Perit Legali fil-paragrafu tlieta (3) tal-konkluzjonijiet tieghu rapportati a fol. 510 sa 511 tal-process li ghandhom jitqiesu bhala parti integrali minn din is-sentenza, salv li r-riferenza ghal Nazzarena Sciberras ghandha tapplika ghall-atturi Rita Giannetti u Editon Sciberras ugwalment bejniethom. Konsegwentement tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-istess immobbli **ad eccezzjoni** tas-sehem indiviz ta' parti minn sebgha (1/7) mid-dar fiz-Zurrieq Triq Santa Marija u ta' parti minn sebgha (1/7) mix-xaghra fiz-Zurrieq, Ta’ Wied Fulija, ta’ cirka erbat itmiem, liema porzjoni miz-zewg proprjetajiet ghandu jibqa' *pro indiviso* bejn il-kontendenti f'ishma

ugwali bejniethom, kif ukoll ad eccezzjoni tal-plot li tinsab wara l-bini tal-attrici kif ser jinghad. Fil-licitazzjoni hawn ordnata tal-beni l-ohra ghandhom jigu ammessi oblaturi estraneji. Riferibbilment ghall-*plot* li tinsab wara l-fondi *Renvic* u *St. Anthony* fi Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, li m'ghandhiex tinbiegh in licitazzjoni izda ghandha tigi diviza bejn Victoria D'Amato kwantu ghal nofs(1/2), u bejn Rita Giannetti u Editon Sciberras kwantu ghan-nofs (1/2) l-iehor, inkluz is-sehem spettanti lill-konvenut. Il-valur ta' dan il-*plot* ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi bhala legittima. Ir-rikavat mill-bejgh tal-immobbli ghandu jigi diviz kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) parti lil Victoria D'Amato, wiehed minn sitta (1/6) parti bejn Rita Giannetti u Editon Sciberras fi kwoti ugwali bejniethom, u erba' partijiet minn sitta (4/6) lill-konvenut.

"4. **Tilqa' ir-raba' talba** attrici u tillikwida l-assi ereditarju tal-mejta Antonia armla ta' Carmelo Schembri skont kif muri fil-partita intestata "*Il-LIKWIDAZZJONI TAL-ASSI EREDITARJU TA' ANTONIA SCHEMBRI SABIEX TIGI STABBILITA L-LEGITTIMA DOVUTA LILHOM SKONT IL-LIGI MILL-ISTESS ASSI EREDITARJI*" f'din is-senrenza.

"5. **Tilqa' il-hames talba** attrici u tillikwida l-legittima spettanti lid-defunta Nazzarena mart Carmelo Sciberras u lil Victoria mart Nazzareno D'Amato fis-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u tlieta u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€15,723.27) kull wahda minnhom, salv li sehem Nazzarena Sciberras ghandu jinqasam ugwalment bejn Rita Giannetti u Editon Sciberras. Minn dan ghandu jitnaqqas il-valur tal-*plot* retropost ghar-residenzi tal-atturi kif stabbilit fit-tielet paragrafu ta' din id-*decide*, u cioe` ta' €5,823.43 minn kull sehem legittimarju, u tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma bilancjali ta' disat elef, tmien mija u disgha u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€9,899.84) lil Rita Giannetti u Editon Sciberras bejniethom u lil Victoria D'Amato.

"6. **Tilqa' s-sitt talba** attrici u tinnomina lin-Nutar Dottor **Reuben Debono** biex jippubblika l-att opportun tal-imsemmija likwidazzjonijiet u divizjoni u assenjazzjoni tal-porzjonijiet u tal-legittima spettanti lill-kontendenti kif fuq inghad u tinnomina lill-**Avukat Charmaine Cherrett** bhala kuratrici biex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att opportun li ghandu jigi ppubblikat f'nhar is-26 ta' Frar 2014 fil-hdax ta' filghodu (11.00a.m.) fl-edifizju tal-Qrati ta' Malta.

"L-ispejjez jithallsu kwantu ghall-terz mill-atturi fi kwoti indaqs bejniethom u kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut."

RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut Joseph Schembri (19.02.2014):

3. Il-konvenut ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) **Il-komputazzjoni w assenjazzjoni tal-leġittima:**

Fir-rigward tal-biċċtejn art li ġew donati lil ħutu Nazzarena Sciberras u lil Victoria D'Amato mill-ġenituri tagħhom fl-1972, (li ġew valutati fl-ammont ta' Lm10,000 il-waħda fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni) jilmenta li l-ewwel qorti naqset li timputa l-valur tas-sehem tal-omm fil-kalkoli relattivi għal-leġittima reklamata: cioe` in-nofs indiviż tagħha (Lm5,000) minn kull biċċa.

Fir-rigward tal-art retroposta għar-residenzi ta' ħutu Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato, li ġiet assenjata lilhom b'sodisfazzjoni parzjali tal-leġittima spettanti lihom mill-wirt tal-omm, jaċċenna għall-fatt li din effettivament baqgħet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, li minnha għandu 4/6 hu. Jaċċenna ukoll għall-fatt li din l-art ġiet valutata fl-ammont ta' Lm10,000 u għalhekk huwa għandu

Lm6,666 minnha.

Jispjega li għalhekk ġie li ħutu rċevew Lm5000 kull waħda rappreżentanti s-sehem indiviż tal-omm mill-art trasferita b'donazzjoni fl-1972, u Lm3,333 kull waħda rappreżentanti l-assenjazzjoni tal-art retroposta għar-residenzi tagħhom: b'kollox Lm8,333 kull waħda (ekwivalenti għal €19,415).

Ifakkar li l-leġittima dovuta lil kull waħda mill-atturi ġiet ikkalkulata fl-ammont ta' €15,723 u isostni li għalhekk jiġi li kull waħda mill-atturi għandha tħallsu d-differenza ta' €3,692 (li flimkien jiġu €7,384).

**(ii) Il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-assi ereditarji tal-missier:**

B'referenza għat-tielet talba, senjatament għal dawk l-immobbli li l-ewwel qorti ordnat li għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni għaliex mhux komodament diviżibbli, jilmenta li ma jirriżultax mill-atti li m'humiex komodament diviżibbli. Jagħmel aċċenn għall-artijiet fiż-Żurrieq bil-kejl ta' 1335mk u 2390mk u jilmenta li dawn jistgħu jiġu faċilment diviżi mingħajr il-ħtieġa li jsir bejgħ bil-liċitazzjoni.

Risposta tal-appell tal-attriċi Victoria D'Amato mart Nazzareno (ID 850844M), u l-istess Nazzareno D'Amato (ID 425543M) għal kull interess li jista' jkollu (10.03.2014):

4. L-attriċi appellata Victoria D'Amato wieġbet biex tgħid għaliex l-appell tal-konvenut huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

(i) **Dwar il-komputazzjoni u l-assenjazzjoni tal-leġittima:**

Fir-rigward tal-biċċtejn art li ġew donati lilha u lid-defunta oħtha Nazzarena Sciberras, kuntrarjament għal dak li jgħid il-konvenut appellant, l-attriċi appellata ssostni li l-valur tagħhom mis-sehem tal-omm fil-fatt ġie imputat skont il-liġi għall-finijiet tal-kalkoli fir-rigward tal-leġittima spettanti lilha lil oħtha.

Fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-art retroposta għar-residenzi tagħha u ta' oħtha, (salv għal dak li tgħid iktar 'il quddiem fl-appell inċidentali tagħha, fis-sens li tali art għandha titqies bħala parti integrali mid-donazzjonijiet *inter vivos* li saru lilha u lil oħtha) ssostni li l-figuri li wasal għalihom il-konvenut ma jreġux. Tispjega li s-sehem tal-konvenut minn din l-art ma jammontax għal 4/6 iżda għal

1/2, bir-rimanenti 1/2 indiviż bejnha u bejn oħtha. Konsegwentement tgħid li ladarba l-art ġiet stmata fl-ammont ta' Lm10,000 il-konvenut appellant għandu dritt ta' nofs dan l-ammont: Lm5,000 (€11,646.87). Tgħid ukoll li ladarba l-art qed tiġi assenjata kollha lilha u lil oħtha kienet korretta l-ewwel qorti meta mil-leġittima spettanti lilha u lil oħtha naqqset il-valur tal-art retroposta fl-ammont ta' Lm2,500 (€5,823.43) għal kull sehem leġittimarju.

(ii) **Dwar il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-assi tal-missier:**

L-attriċi appellata tfakkar li l-perit tekniku baqa' ma għamilx pjan ta' diviżjoni, u imbagħad il-perit ġudizzjarju iddikjara li l-assi tal-missier m'humiex komodament diviżibbli. Tissottometti li f'każ li din il-qorti tilqa' dan l-aggravju f'dan l-istadju, dan m'għandux jaffettwa d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fir-rigward tal-art retroposta għar-residenzi tagħha u ta' oħtha, li għandha tiġi diviża bejn l-istess atturi.

F'kull każ issostni li jekk il-proprjetajiet humiex komodament diviżibbli jew le għandu jiġi stabbilit minn perit tekniku. Iżżid tgħid li ladarba tali diviżjoni ma saritx matul il-proċeduri, f'każ li jkun hemm disputa dwar id-diviżjoni li tiġi stabbilita,

min ma jaqbilx ma' tali diviżjoni ser ikun prekluż milli jattakka d-diviżjoni, rimedju li kien ikollu li kieku l-eżerċizzju sar quddiem l-ewwel qorti.

L-appell incidentali tal-attriċi appellata Victoria D'Amato:

5. L-attriċi ipprevalixxiet ruħha mill-appell prinċipali tal-konvenut u da parti tagħha interponiet appell inċidentali mis-sentenza appellata. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

**(i) Iċ-ċifra (żbaljata) li fuqha inħadmet il-leġittima:**

Fl-ewwel lok, b'referenza għall-iskeda li pprepara l-perit ġudizzjarju (Para 22 tar-relazzjoni tiegħu)[5] issostni li fil-fatt ħa żball in kwantu l-biċċtejn art li ġew donati lilha u lil oħtha minkejja li vvalutati mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm12,000 kull waħda[6], ġew indikati mill-perit ġudizzjarju bħala li għandhom valur ta' Lm10,000 il-waħda. Tikkummenta li hemm żball ta' kalkolu ukoll. Hija da parti tagħha ħejjiet skeda fejn elenkat il-proprjetajiet formanti parti mill-assi ereditarji ta' ommha Antonia Schembri li fuqhom għandha tiġi kkalkulata l-leġittima, bil-valuri rispettivi tagħhom. Skont tali skeda l-leġittima tiġi li hija €110,645.24 u mhux €94,339.63, kif ikkonkluda l-perit ġudizzjarju (Para 27 tar-relazzjoni tiegħu)[7]. Għalhekk issostni li l-leġittima spettanti lilha u lil oħtha (1/6 kull waħda) kellha tkun €18,440.87 u mhux €15,723.27.

**(ii) Il-ħlas tal-leġittima:**

Fit-tieni lok tirreferi għall-ħames talba fejn l-ewwel qorti ordnat il-ħlas tal-leġittima f'forma ta' somma flus. Tilmenta li l-ewwel qorti m'għamlitx eżerċizzju biex tistabbilixxi jekk dan jistax isir fit-termini tal-Artikolu 615 tal-Kap 16 qabel ma

[5] Fol 501 et seq
[6] Vide relazzjoni tal-perit tekniku, senjatament fol 161
[7] Fol 508

ġie sostitwit. Tfakkar li (qabel l-2004) ġie ritenut li l-leġittimarju għandu dritt għal-leġittima minn dak kollu li jeżisti fil-patrimonju tad-decuius; li l-leġittima hija sehem mill-beni tal-mejjet dovut in natura.

**(iii) <u>Tnaqqis mil-leġittima spettanti lilha tal-valur tal-art retroposta għall-fond residenzjali tagħha</u>**

Fit-tielet lok issostni li l-art li ġiet donata lilha fl-1972 kienet tinkludi ukoll l-art retroposta għar-residenza tagħha: targumenta li għalkemm il-kejl indikat fil-kuntratt ta' donazzjoni huwa inqas, il-konfini juru xort' oħra. In oltre tgħid li hija tissodisfa l-elementi rikjesti mill-preskrizzjoni akkwiżittiva. Għalhekk tħossha aggravata bil-fatt li ġiet meqjusa bħala formanti parti mill-beni tal-ġenituri tagħha u kwindi diviżibbli skont id-dispożizzjonijiet tat-testmenti rispettivi tagħhom. L-ewwel qorti irriteniet li l-forum idoneju fejn tali argumenti jistgħu jitressqu u jiġu deċiżi huwa fil-petitorju, indaġini li teżorbita mill-funzjoni tagħha: l-attriċi appellata issostni invece li l-ewwel qorti <u>kellha tikkunsidra l-aspetti petitorji</u> li jitressqu dwar il-proprjetajiet li għandhom jiġu diviżi jew mibjugħa taħt l-awtorita` tal-qorti.

**(iv) <u>Porzjoni art proprjeta` esklussiva tagħha</u>**

Fir-raba' lok tilmenta li l-ewwel qorti kkunsidrat bħala formanti parti mill-eredita` tal-ġenituri tal-kontendenti, porzjoni ta' art li l-attriċi appellata ssostni li hija proprjeta` akkwistata minnha fit-30.10.1976 mingħand John Mary Camilleri. Tgħid li għalkemm din il-proprjeta` tissemma' fil-kawża <u>*Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et*</u> (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21.06.1991) il-kuntratt tat-30.10.1976 ma ġiex rexiss u hija ma kinitx parti fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza.

<u>L-ebda risposta tal-appell da parti ta' Rita Giannetti u Editon Sciberras għall-appell prinċipali tal-konvenut Joseph Schembri:</u>

6. Din il-Qorti tosserva li Rita Giannetti u Editon Sciberras, l-eredi tal-attriċi Nazzarena Sciberras, li komplew bil-kawża wara l-mewt

tagħha, debitament notifikati bir-rikors tal-appell fl-20 ta' Frar 2014, ma ppreżentaw l-ebda risposta da parti tagħhom.

L-ebda risposta tal-appell da parti tal-konvenut Joseph Schembri għall-appell inċidentali ta' Victoria D'Amato:

7. Din il-Qorti tosserva ukoll li Joseph Schembri, debitament notifikat bir-risposta tal-appell u bl-appell inċidentali ta' Victoria D'Amato fit-13 ta' Marzu 2014 ma ppreżenta l-ebda risposta fir-rigward tal-appell inċidentali.

SFOND:

8. L-atturi Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato huma ħut il-konvenut Joseph Schembri, lkoll ulied Carmelo u Antonia Schembri nee Camilleri.

9. Sabiex wieħed jifhem aħjar il-vertenza odjerna, din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li qabel xejn telenka b'mod kronoloġiku kif il-konjuġi Carmelo u Antonia Schembri iddisponew mill-beni immobbli tagħhom: kemm "*inter vivos*" u kif ukoll "*causa mortis":*

23.08.1972 **Att ta' donazzjoni**[8] atti Nutar Nicola Said, li

[8] Fol 183 et seq

permezz tiegħu Carmelo u Antonia Schembri ittrasferew lil binthom **Victoria miżżewġa D'Amato** porzjoni maqsuma mill-għalqa iż-Żurrieq, f'Bubaqra denominata "Ta' wara Santa Maria" sive "Ta Bubaqra" tal-kejl superfiċjali ta' madwar 73Q.K. b'cirka sitt qasab lineari faċċata fuq St Mary Street. Valur Lm200. (Ġie dikjarat li l-għalqa kienet ġiet akkwistata b'xiri fl-24.09.1960).

27.08.1972 **Att ta' donazzjoni**[9] atti Nutar Nicola Said, li permezz tiegħu Carmelo u Antonia Schembri ittrasferew lil binthom **Nazzarena miżżewġa Sciberras** porzjoni maqsuma fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa iż-Żurrieq, f'Bubaqra denominata "Ta' wara Santa Maria" jew "Ta Bubaqra" tal-kejl superfiċjali ta' madwar 73Q.K. b'cirka sitt qasab lineari faċċata fuq St Mary Street. Valur Lm200. (Ġie dikjarat li l-għalqa kienet ġiet akkwistata b'xiri fl-24.09.1960).

08.04.1982 **Testment Unica Charta**[10] atti Nutar Joseph Raphael Darmanin, li permezz tiegħu Carmelo u

[9] Fol 173 et seq
[10] Fol 8 et seq

Antonia Schembri istitwew lit-tliet uliedhom (Nazzarena Sciberras, Victoria D'Amato u Joseph Schembri) **eredi universali fi kwoti indaqs**. Huma ħallew lill-konvenut b'titolu ta' prelegat il-post nru. 7, fi Triq San Leo, fiż-Żurrieq bil-garaxx li jinfed miegħu. Iddikjaraw illi *"qed jeżentaw lil uliedhom minn kull xorta ta' kollazzjoni jew imputazzjoni ta' kull ma tawhom jew jistgħu ituhom 'il quddiem."*

01.11.1990 **Testment ta' Antonia Schembri**[11] atti Nutar Joseph Raphael Darmanin, li permezz tiegħu ħassret it-testmenti preċedenti tagħha u istitwiet lill-konvenut Joseph Schembri bħala l-eredi universali ta' ġidha. **Lil uliedha l-oħra Nazzarena Sciberras u Victoria D'Amato ħallitilhom il-leġittima spettanti lilhom.**

05.11.1990 **Miet il-missier, Carmelo Schembri**

06.12.1990 **Att ta' Donazzjoni**[12] atti Nutar Joseph Raphael Darmanin, li permezz tiegħu Antonia Schembri tat lill-konvenut is-sehem tagħha ta' nofs indiviż (½) tas-

[11] Fol 14 et seq
[12] Fol 15 et seq

segwenti proprjetajiet:

(i) id-dar 17, Triq Santa Marija, Żurrieq bil-garaxx anness;

(ii) l-għalqa adjaċenti għad-dar u l-garaxx, b'kejl ta' cirka 1335mk

(iii) għalqa oħra bil-kejl ta' 2390mk;

(iv) razzett bla numru u isem fi Triq Santa Marija, Żurrieq.

23.12.1993 **Mietet l-omm, Antonia Schembri**

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

10. Din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji li tqajmu mill-konvenut fl-appell prinċipali tiegħu u mill-attriċi Victoria D'Amato fl-appell inċidentali tagħha fl-ordni li jidrilha li hija l-aktar opportuna.

11. **Fir-raba' aggravju tal-appell inċidentali** tagħha l-attriċi appellata tilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti kkunsidrat li r-razzett bla numru u isem fi Triq Santa Marija, Żurrieq (dilapidat ħafna) jifforma parti mill-eredita` tal-ġenituri tal-kontendenti, meta hija fil-fatt issostni li din il-proprjeta` kienet ġiet akkwistata minnha fit-30

ta' Ottubru 1976[13]. Victoria D'Amato targumenta li għalkemm din il-proprjeta` tissemma' fil-kawża <u>*Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et*</u> (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21.06.1991) il-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1976 ma ġiex rexiss u hija ma kinitx parti fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza u għalhekk ma tikkostitwixxix stat ta' fatt fil-konfront tagħha għaliex mhix applikabbli *erga omnes* iżda biss torbot il-partijiet li pparteċipaw fil-kawża.

12. Skont l-att tat-<u>30 ta' Ottubru 1976</u> John Mary Camilleri u John Mary Camilleri biegħu lil Victoria D'Amato u żewġha Nazzareno:

> "*porzjon art maqsuma ossia sit fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa f' Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, denominata "Ta' Bubaqra" tal-kejl superfiċjali, din il-porzjoni, ta' cirka mija u disa' qasab kwadri u ħdax-il ċenteżmu (q.k. 109.11) b'faċċata ta' tliet qasab lineari* (20 pied) *fuq Saint Mary Street…kif tinsab delineata fil-pjanta unita ma' att tiegħi ta' bejgħ tal-ħdax ta' Settembru elf disa' mija sitta u sebgħin (1976) fejn hija indikata bħala* ***Plot numru wieħed (Nru 1).***

13. Din il-Qorti tagħmel riferenza għar-risposti li għamel il-perit ġudizzjarju għad-domandi mressqa mill-attriċi Victoria D'Amato fir-rigward tar-razzett.[14] Huwa spjega li fuq il-Plot 1 akkwistat minn Victoria D'Amato hemm ambjenti li kienu proprjeta` tal-ġenituri tagħha, liema ambjenti jissemmew fil-kawża <u>*Carmelo Schembri et vs John Mary Camilleri et*</u>. (Il-ġenituri tagħha fil-

[13] Fol 216 et seq, atti Nutar Nicola Said
[14] Fol 529 et seq

premessi taċ-ċitazzjoni sostnew li r-razzett u l-komoditajiet tiegħu kienu tagħhom u ma kinux ittrasferewhom lill-konvenuti Camilleri – il-Qorti tal-Appell irriżultalha li dan effettivament kien minnu). Spjega li għalhekk fuq parti mill-art ta' Victoria D'Amato u żewġha hemm ambjenti li jappartjenu lill-ġenituri tagħha. Huwa għamel riferenza għall-pjanta Dok JS/2[15] (fejn hemm indikat ir-razzett) u għall-pjanta esebita a fol 332, senjatament fejn hemm immarkat Plot 1, u jgħid li jekk wieħed iħares lejn dawn iż-żewġ pjanti għandu jirriżulta li hemm parti mill-ambjenti li jissemmew fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 1991 li jinsabu fuq l-art li akkwistat l-attriċi. (Din il-Qorti eżaminat l-imsemmija pjanti u vverifikat li fil-fatt hekk hu). Għalkemm il-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1976 ma kienx ġie rexiss, il-perit ġudizzjarju sostna li wieħed xorta jrid iżomm quddiem għajnejh dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti ma taqbilx ghal zewg ragunijiet wahda minnhom dik li semmiet l-attrici u cioe' li hija ma kinitx parti f'dik il-kawza. Izda daqstant importanti huwa l-fatt li meta sar l-akkwist ma kien hemm ebda limitazzjoni f`dak li kienet qed takkwista l-attrici; ghalhekk <u>hija kienet takkwista dak li hemm ukoll fuq l-art soggett tal-bejgh.</u>

14. Ikkunsidrat dan kollu din il-qorti qed tqis dan l-aggravju bħala fondat u ghalhekk se tilqa' l-aggravju relattiv. Dan allura jfisser li

[15] Fol 170. Din il-pjanta kienet ġiet esebita mill-konvenut f'waħda mis-seduti li żamm il-perit tekniku. Il-perit tekniku f' para. 3 tar-relazzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2004 (ara fol 162) spjega li r-razzett fi Triq Santa Marija, Bubaqra huwa indikat fuq Dok JS/2.

r-razzett huwa propjeta' tal-attrici u mhux formanti parti mill-assi tal-mejta.

15. **<u>Fit-tielet aggravju tal-appell inċidentali</u>** tagħha l-attriċi Victoria D'Amato tilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti qieset l-art retroposta għar-residenza tagħha mhux bħala art <u>ukoll proprjeta` tagħha</u> iżda bħala art formanti parti mill-beni tal-ġenituri tagħha u kwindi diviżibbli skont id-dispożizzjonijiet tat-testmenti rispettivi tagħhom.

16. Jiġi spjegat li kemm Victoria D'Amato kif ukoll Nazzarena Sciberras, permezz tal-kuntratti ta' donazzjoni rispettivi tagħhom tal-1972, ingħataw kull waħda porzjon art mill-għalqa "*Ta' wara Santa Maria"* sive "*Ta' Bubaqra*", bil-kejl ta' cirka 73q.k. b'cirka 6 qasab lineari faċċata fuq St. Mary Street. Il-perit tekniku invece ikkonstata li l-artijiet okkupati minn Victoria D'Amato u Nazzarena Sciberras (li t-tnejn għandhom faċċata ta' 6.45q.k. fuq it-triq) ikejlu kull waħda 114.15q.k u mhux 73q.k. <u>Hemm għalhekk diskrepanza ta' 41.15q.k (180.7mk) f'kull waħda</u>. Il-perit ġudizzjarju ikkonkluda li l-art żejda għadha tifforma parti parti mill-beni tal-ġenituri. L-ewwel qorti qablet miegħu. Irriteniet li d-diskrepanza hija wisq kbira biex tiġi skartata bħala sempliċi żball. Qalet li l-kliem testwali tal-kuntratt huma ċari biżżejjed biex ma

jippermettux lill-qorti tagħmel indaġni dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-kunsens.

17. L-attriċi Victoria D'Amato targumenta li għalkemm il-kejl indikat fil-kuntratt ta' donazzjoni huwa inqas, il-konfini juru xort' oħra. In oltre tgħid li hija tissodisfa l-elementi rikjesti mill-preskrizzjoni akkwiżittiva. L-ewwel qorti irriteniet li hija ma kinitx fil-forum fejn tali argumenti relatati mal-petitorju jistgħu jitressqu u jiġu deċiżi: l-attriċi appellata issostni invece li l-ewwel qorti kellha tikkunsidra l-aspetti petitorji li jitressqu dwar il-proprjetajiet li għandhom jiġu diviżi jew mibjugħa taħt l-awtorita` tal-qorti. Fil-fatt tikkummenta illi meta qieset l-allegazzjoni tal-konvenut li kienet qegħda illegalment tokkupa art oltre dik donata lilha kienet fil-fatt qegħda tidħol f'kwistjoni petitorja. Tilmenta għalhekk li hemm ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms.*

18. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel qorti li ma kinitx il-forum idoneu fejn argumenti dwar il-petitorju jistgħu jitressqu: tali indaġini teżorbita mill-funzjoni tagħha. Mhix ġustifikata l-attriċi appellata tilmenta li meta l-ewwel qorti kkunsidrat li kienet qed tokkupa art oltre l-kejl indikat fil-kuntratt kienet qegħda tidħol f'kwistjoni petitorja (b'vantaġġ għall-konvenut), u li allura bil-fatt li imbagħad ma kkunsidratx l-argumenti tagħha jiġi li kisret il-prinċipju tal-*equality*

*of arms*. L-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti kien sempliċiment li tara x' kien il-kejl tal-proprjeta` donata lill-atturi skont il-kuntratti tal-1972; u jirriżulta li skont il-kejl indikat fil-kuntratti l-art retrostanti għar-residenzi tagħhom baqgħet fil-fatt tal-ġenituri tagħhom. Il-pretenzjonijiet ta' proprjeta` li għandha l-attriċi Victoria D'Amato fuq l-art retrostanti għar-residenza tagħha ma jistgħux jiġu indirizzati f'din il-kawża.

19. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti qed tqis dan l-aggravju ukoll bħala infondat.

20. **Fl-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tagħha** l-attriċi Victoria D'Amato tilmenta li ċ-ċifra li fuqha inħadmet il-leġittima hija żbaljata:

(i) kemm għaliex il-valur tal-artijiet donati lilha u lil oħtha ġew erronjament indikati bħala Lm10,000, meta l-perit tekniku ivvalutahom fl-ammont ta' Lm12,000 il-waħda;

(ii) kif ukoll minħabba żball ta' kalkolu.

21. Skont hi, iċ-ċifra li fuqha kellha tinħadem il-leġittima kellha tkun fl-ammont ta' **€110,645.24** u mhux €94,339.63 kif ikkonkludiet l-ewwel qorti.

22. Dwar l-ilment li l-valur tal-artijiet donati lilha u lil oħtha ġew erronjament indikati bħala Lm10,000 flok Lm12,000, huwa importanti li jiġi spjegat is-segwenti. Il-perit tekniku fl-ewwel rapport tiegħu[16] ivvaluta l-proprjetajiet okkupati mill-atturi Victoria D'Amato u Nazzarena Sciberras fl-ammont ta' **Lm12,000** kull waħda (fid-data tal-apertura tas-suċċessjoni). Huwa ippreċiża li dan kien il-valur għall-art kollha okkupata minnhom (cioe` l-qisien attwali ta' 114q.k.) u mhux tal-kejl tal-art donata minnhom (cioe` ta' 73q.k.). Sussegwentement intalab jagħti stimi separati: cioe` tal-valur tal-artijiet bil-kejl kif indikat fil-kuntratti ta' donazzjoni, u tal-valur tal-art retroposta għal tali biċċtejn art. Dan għamlu fit-tielet rapport tiegħu[17]. Huwa qal li vvaluta l-biċċtejn art skont il-qisien ta' 73q.k. kif indikat fuq il-kuntratt ta' donazzjoni tal-1972 fl-ammont ta' **Lm10,000** il-waħda. Spjega li l-parti retrostanti għal kull waħda (li tintuża bħala ġnien) jekk tinqata' għaliha u tiġi biċċa waħda "*għandha valur ferm akbar milli kellha qabel*", u fil-fatt stmaha (fl-intier tagħha) fl-ammont ta' **Lm10,000** (mhux Lm2,000

[16] fol 158 et seq
[17] fol 346 et seq

u Lm2,000). Huwa immarkaha fuq il-pjanta Dok JEV/100[18] bħala BCDEFIB.

23. Iċċarat dan kollu, ma jreġix l-argument tal-attriċi appellata li l-valur tal-art donata lilha u lil oħtha ġie "erronjament" indikat bħala Lm10,000 flok Lm12,000. (Hija ovvjament qegħda tilmenta f'dan ir-rigward dan għaliex qed tippretendi li l-biċċtejn art li ġew donati lilha u lil oħtha bil-kuntratti tal-1972 huma tal-qies ta' 114q.k – liema kejl ġie valutat fl-ammont ta' Lm12,000 u mhux tal-qies ta' 73q.k – liema kejl ġie valutat fl-ammont ta' Lm10,000, cioe` is-suġġett tat-tielet aggravju tal-appell inċidentali tagħha, li irriżulta infondat minn din il-Qorti).

24. Din il-Qorti issa tgħaddi biex teżamina l-assi ereditarji ta' Antonia Schembri għall-fini biex tiġi stabbilita l-leġittima:

- ½ tal-art mogħtija b'donazzjoni lil Victoria D'Amato Lm 5,000
- ½ tal-art mogħtija b'donazzjoni lil Nazzarena Sciberras Lm5,000
- il-beni mogħtija b'donazzjoni lil Joseph Schembri:
  (i) ½ tad-dar 17, Triq Santa Marija, Żurrieq bil-garaxx Lm10,000
  (ii) ½ l-għalqa b'kejl ta' cirka 1335mk Lm15,000

[18] fol 349

(iii) ½ għalqa oħra bil-kejl ta' 2390mk Lm 3,000

(iv) ½ razzett bla numru u isem fi Triq Santa Marija, Żurrieq Lm7,500

- ½ indiviż tal-art retroposta għar-residenzi tal-atturi BCDEFIB Lm 5,000

TOTAL Lm50,500

**(€117,665)**

25. Jidher għalhekk li kellha raġun l-attriċi appellata ssostni li kien hemm żball ta' kalkolu. Jekk wieħed jgħodd il-beni fuq elenkati (li jaqbel fuqhom kemm il-perit ġudizzjarju kif ukoll l-ewwel qorti) it-total jiġi Lm50,500 u mhux Lm40,500 (kif ikkonkludew erronjament l-istess perit ġudizzjarju u l-ewwel qorti). Il-leġittima għalhekk jiġi li għandha tinħadem fuq **Lm50,500** (ekwivalenti għal €117,665) u mhux Lm40,500 (ekwivalenti għal €94,339.63).

26. Din il-Qorti pero` ma tistax ma tosservax li l-ewwel qorti ordnat li l-art retroposta għar-residenzi tal-atturi għandha tiġi assenjata lill-atturi, u dan billi tinqasam f'żewġ biċċiet. **Dan ibiddel kollox**. Il-perit tekniku spjega li l-valur tal-art retrostanti r-residenzi tal-atturi jekk tinqata għaliha waħedha (u tiġi biċċa waħda) għandha valur ta' Lm10,000 għaliex issir "*building site*". Fit-tielet rapport tiegħu

fejn ta valutazzjonijiet separati għall-kejl tal-artijiet kif indikati fuq il-kuntratti ta' donazzjoni (73qk) u għall-art retroposta huwa qal hekk:

> *"Is-sottoskritt irid hawn jgħid li x-scenario issa jinbidel għaliex biċċa art konsiderevoli fuq wara taż-żewġ plots ġia imsemmija u li qabel kienet biss ġnien, kif tinqata' minn maż-żewġ plots issir building site u għandha valur ferm akbar milli kellha qabel."*

27. Ifisser għalhekk li ladarba l-art retrostanti qed tiġi assenjata lill-atturi f' żewġ partijiet diviżi, cioe` mhux se tkun art sħiħa, il-valur ma jistax jitqies li huwa ta' Lm10,000 (cioe` ta' Lm5,000 kull parti), iżda jiġi li l-valur ta' kull parti hija invece ta' Lm2,000. Dan qed jingħad għaliex meta fl-ewwel rapport tiegħu ivvaluta l-art kollha okkupata minn kull waħda mill-atturi (cioe` l-114.15q.k li jinkludu l-biċċa retrostanti) wasal għall-ammont ta' Lm12,000, u meta vvaluta l-art mingħajr il-biċċa retrostanti wasal għall-ammont ta' Lm10,000, cioe` Lm2,000 inqas.

28. Ladarba din il-Qorti ġiet mitluba tirrevedi ċ-ċifra li fuqha għandha tinħadem il-leġittima, **ma tistax tinjora dan l-iżball**, li jidher li sfuġġa kemm lill-perit ġudizzjarju kif ukoll lill-ewwel qorti. Għalkemm ma sarx aċċenn partikolari f'dan l-appell għall-imsemmi nuqqas tal-ewwel qorti madanakollu jidħol fl-eżerċiżżju ħolistiku u metikoluż li din il-Qorti għamlet biex tistabbilixxi **ċ-ċifra korretta** li fuqha għandha tinħadem il-leġittima, kif mitlub.

29. Għalhekk il-valur tas-sehem ta' ½ indiviż li kellha l-omm mill-art retroposta għar-residenza tal-atturi BCDEFIB għandha titqies bħala Lm2,000[19] u mhux Lm5,000. Isegwi li jrid isir aġġustament taċ-ċifra ta' Lm50,500 fis-sens li din għandha tkun Lm47,500 (€110,675).

30. Dan l-aggravju għalhekk huwa fondat in kwantu ċ-ċifra li fuqha inħadmet il-leġittima (€94,339.63) hija żbaljata. Madanakollu, kif ġie spjegat, iċ-ċifra korretta mhix €110,645.24, kif issostni l-attriċi appellanti, iżda hija dik ta' **€93,200 (Lm40,000) – peress li jrid jitnaqqas nofs il-valur tar-razzett imsemmi f'paragrafu 13)** u għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-attriċi appellanti.

31. Din il-Qorti in oltre ma tistax ma tosservax illi (irrispettivament miċ-ċifra li fuqha għandha tinħadem il-leġittima) kienet żbaljata ukoll l-ewwel qorti meta qalet li l-atturi għandhom jieħdu ½ kull wieħed mil-leġittima. Għandhom ghalhekk jieħdu 1/3 kull wieħed mil-leġittima.

32. Issir riferenza għall-Artikolu 615 u 616 tal-Kap 16, li kienu jaqraw hekk (qabel l-emendi tal-2004):

[19] Lm1,000 għal kull biċċa li tinsab wara r-residenzi relattivi tal-atturi

*615. (1) Il-leġittima hija sehem mill-beni tal-mejjet, mogħti mil-liġi lid-dixxendenti, u fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet.*

*(2)...........*

*616. (1) Il-leġittima ta' tfal leġittimi, jew ta' tfal leġittimati bi żwieġ li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija terz tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Il-leġittima tinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnha.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terz kollu hawn fuq imsemmi.*

33. Ladarba l-ulied fil-każ odjern huma tlieta, il-leġittima hija ta' terz (1/3). Terz mill-valur tal-beni tal-omm (1/3 x Lm40,000) jiġi li huwa **Lm13,333.33**. Issa dan l-ammont, dan is-sehem ta' 1/3 mill-beni ta' Antonia Schembri, huwa mogħti lid-dixxendenti kollha tagħha, mhux lill-atturi biss. Għalkemm hija ħalliet lill-atturi l-leġittima biss, ma jfissirx li l-konvenut m'għandux ukoll sehem mil-leġittima.

34. L-Artikolu 618(3) (qabel l-emendi tal-2004) fil-fatt kien jaqra hekk:

"*It-tifel jew dixxendent ieħor li jkun maħtur werriet, jidħol mal-oħrajn fil-leġittima".*

35. Huma għalhekk it-tlett itfal (il-kontendenti odjerni) li jmisshom mil-leġittima, cioe` ilkoll għandhom 1/9 kull wieħed bħala leġittima mill-beni tal-omm (1/3 ta' 1/3). Il-konvenut imbagħad bħala eredi universali għandu wkoll 6/9 li flimkien mas-sehem tiegħu ta' 1/9 bħala leġittima jiġi li għandu total ta' 7/9 mill-beni tal-omm.

36. Kull waħda mill-atturi għandha tiegħu 1/3 minn Lm13,333.33 - u cioe` **Lm4,444.44/€10,355.55 -** bħala s-sehem ta' leġittima dovut lilha.

37. Hawnhekk ukoll għandu jiġi ppreċiżat li għalkemm ma sarx aċċenn partikolari għal dan l-iżball tal-ewwel qorti, ma tistax din il-Qorti, wara li waslet għal-leġittima ta' Lm13,333.33, imbagħad tagħmel l-istess żball li għamlet l-ewwel qorti u tiddividi din il-figura b'tnejn (2) flok bi tlieta (3). Jekk tagħmel hekk tkun qegħda tissanzjona l-interpretazzjoni ħażina li għamlet l-ewwel qorti, u addirittura tkun qegħda tirrepeti l-istess żball hija stess.

38. **Fl-ewwel aggravju tal-appell prinċipali tiegħu** l-konvenut appellant fl-ewwel lok jilmenta li l-valur tas-sehem tal-omm mill-proprjeta` mogħtija b'donazzjoni lill-atturi ma ġiex imputat fil-kalkoli tas-sehem leġittimarju spettanti lill-atturi. Fil-fatt is-sehem tal-omm (½ ta' Lm10,000) għal kull waħda mill-biċċtejn art mogħtija b'donazzjoni lill-atturi ġie imputat. Din il-Qorti pero` tosserva li l-ammont ta' Lm5,000 ma tnaqqasx mis-sehem tal-leġittima spettanti kull waħda mill-atturi ai termini tal-Artikolu 620(4):

*"Dak li jmissu l-leġittima għandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sa 938."*

39. Dan l-ewwel ilment tal-ewwel aggravju tal-konvenut għalhekk huwa fondat, u din il-Qorti ser tieħu ħsieb li dawn l-Lm5,000 jinqatgħu mil-leġittima spettanti lil kull waħda mill-atturi.

40. It-tieni ilment tal-konvenut f'dan l-ewwel aggravju tiegħu jirrigwarda l-art retroposta għar-residenzi tal-atturi, proprjeta` li kif fuq spjegat baqgħet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan ġie valutat fl-ammont ta' Lm10,000, għalkemm għar-raġunijiet appena mogħtija minn din il-Qorti, qegħda tivvalutah fl-ammont ta' Lm4,000 (cioe` Lm2,000 kull nofs li se tiġi assenjata lill-atturi). <u>Għalkemm jgħid li ma jifhimx kif is-sehem tiegħu mill-wirt ta' missieru ġie assenjat ukoll lill-atturi akkont tal-leġittima fuq il-wirt tal-omm</u> (dan b'referenza għal dak li ġie provdut fir-rigward tat-tielet talba: li l-art retrostanti r-residenzi tal-atturi għandha tiġi assenjata lill-istess atturi: nofs għal Victoria D'Amato u n-nofs l-ieħor bejn ulied Nazzarena Sciberras) <u>mhux qed jopponi.</u>

41. Huwa jargumenta illi ladarba l-art ġiet ikkunsidrata bħala li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-ġenituri huwa għandu 4/6 minn din l-art u għalhekk bl-assenjazzjoni ta' din l-art lill-atturi jiġi li qed jirċievu Lm6,666 (Lm3,333 kull waħda).

Jargumenta li allura kull waħda mill-atturi tkun irċeviet *inter vivos* b'donazzjoni valur ta' art Lm5,000 (is-sehem tal-omm mill-art) oltre Lm3,333 bl-assenjazzjoni: u allura total ta' Lm8,333 kull waħda, cioe` €19,415 meta s-sehem ta' kull waħda mil-leġittima suppost huwa ta' €15,723. Għalhekk isostni li kellhom ikunu l-atturi li jiġu ordnati jħallsuh id-diskrepanza ta' €3,692 kull waħda (u mhux invece jiġi li hu għandu jħallas €9,899.84 lil kull waħda kif ordnat l-ewwel qorti).

42. Kif diġa` spjegat pero`, iċ-ċifra li din il-Qorti qegħda tqis bħala l-leġittima dovuta lil kull waħda mill-atturi issa hija differenti. In oltre ma taqbilx li l-konvenut għandu 4/6 mill-art, iżda għandu minflok 10/18. Ser tispjega iktar fid-dettall fil-paragrafu li jmiss.

43. Din il-Qorti, qegħda tikkalkula li l-leġittima ta' **Lm4,444.44** dovuta lil kull waħda mill-atturi mill-assi ereditarji tal-omm għandha tiġi sodisfatta hekk:

(i) Lm5,000 (rappreżentanti l-valur tas-sehem tal-omm mill-art donata lil kull waħda minnhom) għandhom jinqatgħu mill-ammont imsemmmi. Ghalhekk huma jridu jhallsu lura l-bilanc ta' Lm556.77.

(ii) Jonqos jieħdu Lm277.77 kull waħda. L-ewwel qorti ordnat li ssir assenjazzjoni ta' nofs l-art retrostanti (u kif ġie spjegat minn din il-Qorti, il-valur ta' kull nofs huwa ta' Lm2,000) lil kull waħda mill-atturi, liema art retrostanti hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri. Issa jiġi mfakkar li:

(a) Fir-rigward ta' dak in-nofs tan-nofs rappreżantanti is-sehem tal-missier (valur ta' Lm1,000), l-atturi u l-konvenut għandhom kull wieħed Lm333.33 (1/3, jew 3/9) bħala eredi universali.

(b) Fir-rigward ta' dak in-nofs tan-nofs rappreżantanti s-sehem tal-omm (valur ukoll Lm1,000), kull waħda mill-atturi għandha Lm111.11 (1/9) bħala leġittimatarja u l-konvenut għandu r-rimanenti Lm777.77 (7/9).

Jiġi għalhekk li fir-rigward ta' kull nofs mill-art retrostanti, iż-żewġ atturi bejniethom għandhom Lm888.88 (Lm333.33 + Lm333.33 + Lm111.11 + Lm111.11) li jiġu 8/18 (6/9 + 2/9) u l-konvenut għandu Lm1,111.11 li jiġu 10/18 (3/9 + 7/9). Din il-Qorti għalhekk għall-prattiċita` qegħda tqis li kull waħda mill-atturi għandha Lm888.88 minn kull nofs (u xejn min-nofs l-ieħor) u li bl-assenjazzjoni qegħda tieħu valur ta' Lm1,111.11. Kull waħda mill-atturi għalhekk tkun qegħda

tieħu Lm833.34 minflok thallas. Għalhekk kull waħda mill-atturi għandha tħallas Lm1,390.11 (€3,238.95) lill-konvenut.

44. Dan l-ewwel aggravju għalhekk huwa fondat in kwantu huma l-atturi li għandhom jagħtu lill-konvenut u mhux vice versa kif ordnat l-ewwel qorti, għalkemm qed jiġi stabbilit li kull waħda mill-attriċi għandha tagħti lill-konvenut **€3,238.95** u mhux €3,692, kif jippretendi hu.

45. **Fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali** tagħha l-attriċi Victoria D'Amato tirreferi għall-ħames talba fejn l-ewwel qorti ordnat il-ħlas tal-leġittima f'forma ta' somma flus. Tilmenta li l-ewwel qorti m'għamlitx eżerċizzju biex tistabbilixxi jekk dan jistax isir fit-termini tal-Artikolu 615 tal-Kap 16 qabel ma ġie sostitwit. Tfakkar li (qabel l-2004) ġie ritenut li l-leġittimarju għandu dritt għal-leġittima minn dak kollu li jeżisti fil-patrimonju tad-decuius; li l-leġittima hija sehem mill-beni tal-mejjet dovut in natura.

46. Dan l-aggravju issa jisfuma fix-xejn in vista tal-mod kif din il-Qorti irriżultalha li għandha tiġi mħallsa l-leġittima. Fil-fatt issa ġie li huma l-atturi li għandhom iħallsu somma flus lill-konvenut u mhux vice versa.

47. **Fit-tieni aggravju tal-appell prinċipali tiegħu** l-konvenut appellant, b'referenza għat-tielet talba, u senjatament għal dawk l-immobbli li l-ewwel qorti ordnat li għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni għaliex mhux komodament diviżibbli, jilmenta li ma jirriżultax mill-atti li m'humiex komodament diviżibbli. Jagħmel aċċenn għall-artijiet fiż-Żurrieq bil-kejl ta' 1335mk u 2390mk jilmenta li dawn jistgħu jiġu faċilment diviżi mingħajr il-ħtieġa li jsir bejgħ bil-liċitazzjoni.

48. Din il-Qorti taqbel mal-perit ġudizzjarju (u mal-ewwel qorti) illi l-assi ereditarji tal-missier m'humiex komodament diviżibbli meħud in kont il-fatt li l-kontendenti huma werrieta f'ishma ugwali ta' nofs filwaqt li l-konvenut huwa werriet tan-nofs l-ieħor. In oltre kif targumenta l-attriċi appellata, ladarba d-diviżjoni ma saritx matul il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti, kieku kellha din il-Qorti tistabbilixxi xi diviżjoni, f'każ li jkun hemm disputa fir-rigward, min ma jaqbilx ikun prekluż milli jattakka d-diviżjoni; cioe` ma jkollux il-benefiċċju tad-doppju eżami.

49. Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-qorti m'għandhiex tiġi disturbata l-konklużjoni tal-ewwel qorti fir-rigward ta' dawk l-immobbli li għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni.

**Decide**

50. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkonferma l-parti deċiżorja tal-ewwel qorti ħlief kif fir-rigward tar-raba' u l-ħames talba, li fir-rigward tagħhom qed tiddeċiedi kif ġej:

(1) **<u>Fir-rigward tar-raba' talba</u>**, l-assi ereditarji ta' Antonia Schembri li fuqhom tiġi stabbilita l-leġittima dovuta lill-atturi huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| - | ½ tal-art mogħtija b'donazzjoni lil Victoria D'Amato | Lm 5,000 |
| - | ½ tal-art mogħtija b'donazzjoni lil Nazzarena Sciberras | Lm 5,000 |
| - | il-beni mogħtija b'donazzjoni lil Joseph Schembri: | |
| | ½ tad-dar 17, Triq Santa Marija, Żurrieq bil-garaxx | Lm10,000 |
| | ½ l-għalqa b'kejl ta' cirka 1335mk | Lm15,000 |
| | ½ għalqa oħra bil-kejl ta' 2390mk | Lm3,000 |
| - | ½ indiviż tal-art retroposta għar-residenzi tal-atturi BCDEFIB | Lm2,000 |
| | TOTAL | **<u>Lm40,000</u>**<br>**<u>(€ 93,200)</u>** |

(2) **<u>Fir-rigward tal-ħames talba</u>**, tillikwida l-leġittima spettanti lid-defunta Nazzarena Sciberras u lil Victoria D'Amato fis-somma ta' **Lm4,444.44** (erbat elef, erba' mija w erbgha w erbghin Lira

Maltin u erbgha w erbghin centezmu) **- €10,329.65** (ghaxart elef, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu) kull waħda, salv li sehem Nazzarena Sciberras għandu jinqasam bejn uliedha Rita Giannetti u Editon Sciberras. Minn dan, kif fuq spjegat, għandu jitnaqqas **Lm5,000** (hamest elef Lira Maltin) rappreżentanti s-sehem tal-omm mill-art mogħtija b'donazzjoni lil kull waħda minnhom fl-1972, u r-rimanenti **waqt** qed jingħataw permezz tal-assenjazzjoni ta' nofs l-art retrostanti għar-residenzi rispettivi tagħhom. Kif ukoll fuq spjegat, kull waħda mill-atturi (fil-każ ta' Nazzarena Sciberras, uliedha) għandha tħallas l-ammont ta' **€3,238.95** (tlett elef, mitejn u tmienja u tletin Ewro, u hamsa u disghin centezmi) lill-konvenut.

51. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenut. Dawk tal-ewwel istanza kif gia deciz mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr